Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 401/2006

tat-23 ta' Frar 2006

li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 330M, 28.11.2006, p. 228)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 178/2010 tat-2 ta' Marzu 2010	L 52	32	3.3.2010
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2014 tas-16 ta' Mejju 2014	L 147	29	17.5.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 401/2006

tat-23 ta' Frar 2006

li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikotossini fl-oġġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, mas-saħħa u mar-regoli dwar il-*welfare* ta' l-annimali [1], b'mod partikolari l-Artikolu 11 (4)

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 tat-8 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel [2] jipprovdi għal limiti massimi għal ċerti mikotossini f'ċerti oġġetti ta' l-ikel.

(2) It-teħid ta' kampjuni għandu parti kruċjali fil-preċiżjoni tad-determinazzjoni tal-livelli tal-mikotossini, li f'lott ikunu mqassma b'mod tassew eteroġenu. Huwa għalhekk neċessarju li jkunu ffissati kriterji ġenerali li magħhom għandu jikkonforma l-metodu tat-teħid ta' kampjuni.

(3) Huwa wkoll neċessarju li jiġu ffissati kriterji ġenerali li magħhom għandu jikkonforma l-metodu ta' analiżi sabiex ikun żgurat li l-laboratorji ta' kontroll jużaw metodi ta' analiżi b'livelli ta' rendiment komparabbli.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/53/KE tas-16 ta' Lulju 1998 li tippreskrivi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel [3] tistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u kriterji ta' rendiment għall-metodi ta' analiżi li għandhom jintużaw għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' l-aflatossini fl-oġġetti ta' l-ikel.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/26/KE tat-13 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' l-*ochratoxin* A fl-oġġetti ta' l-ikel [4], id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/78/KE tal-11 ta' Awwissu 2003 li tistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tal-patulin fl-oġġetti ta' l-ikel [5] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/38/KE tas-6 ta' Ġunju 2005 li tistabbilixxi l-metodi ta' teħid

[1] ĠU L 165, tat-30.4.2004, p. 1, verżjoni korretta fil-ĠU L 191, tat-28.5.2004, p. 1.
[2] ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 199/2006 (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 34).
[3] ĠU L 201, tas-17.7.1998, p. 93. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/43/KE (ĠU L 113, ta' l-20.4.2004, p. 14).
[4] ĠU L 75, tas-16.3.2002, p. 38. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/5/KE (ĠU L 27, tad-29.1.2005, p. 38).
[5] ĠU L 203, tat-12.8.2003, p. 40.

▼B

ta' kampjuni u l-metodi ta’ analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tat-tossini *Fusarium* fl-oġġetti ta’ l-ikel [1] b’mod simili jistabbilixxu l-metodi tat-teħid ta’ kampjuni u l-kriterji ta’ rendiment għall-okratossina A, għall-patulin u għat-tossini *Fusarium* rispettivament.

(6) Huwa xieraq li kull meta jkun possibbli jiġi applikat l-istess metodu ta’ teħid ta' kampjuni għall-istess prodott għall-kontroll tal-mikotossini. Għalhekk, il-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-kriterji ta’ rendiment għall-metodi ta’ analiżi li għandhom jintużaw għall-kontroll uffiċjali tal-mikotossini kollha għandhom jittieħdu flimkien f’att ġuridiku wieħed sabiex isir aktar faċli li jiġu applikati.

(7) L-aflatossini huma mqassma b’mod tassew eteroġenu f’lott, b’mod partikolari f’lott ta’ prodotti ta’ l-ikel li b’partiċelli ta’ daqs kbir bħat-tin imqadded jew il-karawett. Sabiex tinkiseb l-istess kwalità rappreżentattiva, għal gruppi bi prodotti ta’ l-ikel b’partiċelli ta’ daqs kbir, il-piż tal-kampjun aggregat għandu jkun akbar milli fil-każ ta’ gruppi bi prodotti ta’ l-ikel li b’daqs iżgħar tal-partiċelli. Minħabba li t-tqassim tal-mikotossini fil-prodotti pproċessati huwa ġeneralment inqas eteroġenu milli fil-prodotti taċ-ċereali li mhumiex ipproċessati, huwa xieraq li jkunu provduti dispożizzjonjiet aktar sempliċi ta’ teħid ta’ kampjuni għall-prodotti pproċessati

(8) Għalhekk, id-Direttivi 98/53/KE, 2002/26/KE, 2003/78/KE u 2005/38/KE għandhom jiġu revokati.

(9) Huwa xieraq li d-data ta’ l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament tikkoinċidi mad-data ta’ l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 856/2005 tas-6 ta’ Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 fejn għandhom x’jaqsmu t-tossini *Fusarium* [2].

(10) Il-miżuri provduti f’dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta’ l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-teħid ta’ kampjuni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tal-mikotossini fl-oġġetti ta’ l-ikel għandu jitwettaq skond il-metodi ddikjarati fl-Anness I.

Artikolu 2

Il-preparazzjoni tal-kampjuni u l-metodi ta’ analiżi użati għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tal-mikotossini fl-oġġetti ta’ l-ikel għandhom ikunu konformi mal-kriterji ddikjarati fl-Anness II.

Artikolu 3

Id-Direttivi 98/53/KE, 2002/26/KE, 2003/78/KE u 2005/38/KE huma revokati

Ir-referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 143, tas-7.6.2005, p. 18.
[2] ĠU L143, tas-7.6.2005, p. 3.

▼B

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I [1]

IL-METODI TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-KONTROLL UFFIĊJALI TAL-LIVELLI TAL-MIKOTOSSINI FL-OĠĠETTI TA' L-IKEL

A. ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Għandhom jitwettqu kontrolli uffiċjali skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Id-dispożizzjonijiet ġenerali li ġejjin għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (KE) 882/2004

A.1. **L-għan u l-ambitu**

Il-kampjuni maħsuba għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tal-kontenut ta' mikotossini fl-oġġetti ta' l-ikel għandhom jittieħdu skond il-metodi ddikjarati f'dan l-Anness. Il-kampjuni aggregati li jinkisbu b'dan il-mod għandhom jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-lottijiet. Il-konfomità mal-limiti massimi stabbiliti fir-Regolament (KE) 466/2001 għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-livelli li ġew iddeterminati fil-kampjuni tal-laboratorju.

A.2. **Id-definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

A.2.1 "lott" tfisser kwantità identifikabbli ta' prodott ta' l-ikel kkunsinjata f'daqqa u ddeterminata mill-uffiċjal bħala li għandha karatteristiċi komuni, bħall-oriġini, il-varjetà, it-tip ta' ppakkjar, min jippakkjah, min jagħmel il-kunsinna jew l-immarkar;

A.2.2 "sublott" tfisser parti magħżula minn lott kbir sabiex ikun applikat il-metodu tat-teħid ta' kampjuni fuq dik il-parti magħżula; kull sublott irid ikun separat fiżikament u identifikabbli;

A.2.3 "kampjun inkrementali" tfisser kwantità ta' materjal meħud minn post wieħed fil-lott jew fis-sublott;

A.2.4 "kampjun aggregat" tfisser it-total magħqud tal-kampjuni inkrementali kollha meħuda mil-lott jew mis-sublott.;

A.2.5 "kampjun tal-laboratorju" tfisser kampjun intenzjonat għal-laboratorju.

A.3. **Id-dispożizzjonijiet ġenerali**

A.3.1 *L-istaff*

It-teħid ta' kampjuni għandu jsir minn persuna awtorizzata kif nominata mill-Istat Membru.

A.3.2 *Il-materjal li minnu għandhom jittieħdu l-kampjuni*

Kull lott li ser jiġi eżaminat għandhom jittieħdu minnu l-kampjuni b'mod separat. Skond id-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-teħid ta' kampjuni għall-mikotossini differenti, lottijiet kbar għandhom jiġu suddiviżi f'sublottijiet li għandhom jittieħdu minnhom il-kampjuni b'mod separat.

A.3.3 *Il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu*

Waqt it-teħid u l-preparazzjoni tal-kampjuni, għandhom jittieħdu prekawzjonijiet biex tiġi evitata kwalunkwe bidla, li tista' taffetwa:

— il-kontenut tal-mikotossini, li jaffettwa b'mod negattiv id-determinazzjoni analitika jew li jagħmel lill-kampjuni aggregati mhux rappreżentattivi;

— is-sikurezza alimentari tal-lottijiet li minnhom ser jittieħdu l-kampjuni.

[1] Dokument ta' gwida għall-awtoritajiet kompetenti għall-kontroll tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar l-aflatossini huwa disponibbli fuq http://europa.eu.int/comm/food/food/chemicalsafety/contaminants/aflatossini_guidance_en.pdf. Id-dokument ta' gwida jipprovdi informazzjoni prattika addizzjonali imma l-informazzjoni li tinstab fid-dokument ta' gwida hija subordinata għad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament.

▼B

Għandhom ukoll jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex tkun żgurata s-sikurezza tal-persuni li qed jieħdu l-kampjuni.

A.3.4 *Il-kampjuni inkrementali*

Safejn huwa possibbli għandhom jittieħdu kampjuni inkrementali minn postijiet differenti mqassma mal-lott jew mas-sublott kollu. Varjazzjoni minn tali proċedura għandha tkun irreġistrata fir-rekord provdut fil-parti A.3.8. ta' dan l-Anness I.

A.3.5 *Il-preparazzjoni tal-kampjun aggregat*

Il-kampjun aggregat għandu jkun magħmul billi jingħaqdu flimkien il-kampjuni inkrementali.

A.3.6 *Il-kampjuni replikati*

Il-kampjuni replikati għal raġunijiet ta' infurzar, kummerċ (difiża) u referenza (arbitraġġ) għandhom jittieħdu mill-kampjun aggregat omoġenizzat, sakemm tali proċedura ma tmurx kontra r-regoli ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-drittijiet ta' l-operatur tan-negozju ta' l-ikel.

A.3.7 *L-ippakkjar u t-trasmissjoni tal-kampjuni*

Kull kampjun għandu jitpoġġa f'kontenitur nadif u inerti li joffri ħarsien adegwat mill-kontaminazzjoni u mill-ħsara waqt il-vjaġġ. Għandhom jittieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex tkun evitata kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tal-kampjun, li tista' sseħħ waqt il-ġarr jew il-ħażna.

A.3.8 *Is-siġillar u t-tikettjar tal-kampjuni*

Kull kampjun meħud għal użu uffiċjali għandu jkun issiġillat fil-post fejn ittieħdu l-kampjuni u għandu jiġi identifikat skond ir-regoli ta' l-Istat Membru.

Għandu jinżamm rekord ta' kull darba li jittieħed kampjun, ħalli kull lott ikun jista' jiġi identifikat mingħajr ambigwità u fejn jingħataw id-data u l-post fejn ittieħdu l-kampjuni flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun ta' għajnuna għall-analist.

A.4. **Tipi differenti ta' lottijiet**

Il-prodotti ta' l-ikel jistgħu jiġu nnegozjati bil-kwantità, f'kontenituri, jew f'pakketti individwali, bħal xkejjer, basktijiet, ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut. Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni jista' jiġi applikat għall-forom kollha differenti li fihom il-prodotti jitqiegħdu fuq is-suq.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġew stabbiliti f'partijiet oħra ta' dan l-Anness, il-formula li ġejja tista' tintuża bħala gwida għat-teħid ta' kampjuni tal-lottijiet innegozjati f'pakketti individwali, bħal xkejjer, basktijiet, ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut.

$$\text{Il} - \text{frekwenza tat} - \text{teħid ta' kampjuni (SF) n} = \frac{\text{Il} - \text{piż tal} - \text{lott} \times \text{Il} - \text{piż tal} - \text{kampjuni inkrementali}}{\text{Il} - \text{piż tal} - \text{kampjun aggregat} \times \text{Il} - \text{piż ta' l} - \text{ippakkjar individwali}}$$

— il-piż: f'kg

— il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni (SF): kull numru n ta' xkora jew baskett li minnha/u trid/irid t/jittieħed kampjun inkrementali (iċ-ċifri deċimali għandhom jitressqu lejn l-eqreb numru sħiħ).

B. IL-METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦAĊ-ĊEREALI U GĦALL-PRODOTTI TAĊ-ĊEREALI

Dan il-metodu tat-teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-aflatossina B1, għall-aflatossini totali, għall-okratossina A u għat-tossini *Fusarium* fiċ-ċereali u fil-prodotti taċ-ċereali.

▼B

B.1. **Il-piż tal-kampjun inkrementali**

Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma, sakemm mhux definit mod ieħor f'din il-parti B ta' l-Anness I.

Fil-każ tal-lottijiet f'ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jiddependi mill-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut.

Fil-każ tal-pakketti għall-bejgħ bl-imnut li jiżnu aktar minn 100 gramma, dan ser jirriżulta f'kampjuni aggregati li jiżnu aktar minn 10 kg. Jekk il-piż ta' pakkett għall-bejgħ bl-imnut wieħed huwa ta' ħafna aktar minn 100 gramma, allura għandhom jittieħdu 100 gramma minn kull pakkett għall-bejgħ bl-imnut individwali bħala kampjun inkrementali. Dan jista' jsir jew meta jittieħed il-kampjun jew fil-laboratorju. Madankollu, f'każi fejn tali metodu ta' teħid ta' kampjuni jista' jwassal għal konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba l-forom ta' l-ippakkjar, il-mezzi tal-ġarr, eċċ.), allura jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni. Pereżempju, f'każ fejn prodott ta' valur huwa kkummerċjalizzat f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 500 gramma jew ta' 1 kg, il-kampjun aggregat jista' jinkiseb permezz ta' l-aggregazzjoni ta' numru ta' kampjun inkrementali li huwa iżgħar min-numru indikat fit-tabelli 1 u 2, b'kundizzjoni li l-piż tal-kampjun aggregat huwa l-istess bħalma huwa l-piż meħtieġ tal-kampjun aggregat li jissemma fit-tabelli 1 u 2.

Fejn il-pakkett għall-bejgħ bl-imnut huwa ta' inqas minn 100 gramma u jekk id-differenza mhix kbira ħafna, pakkett għall-bejgħ bl-imnut wieħed irid jitqies bħala kampjun inkrementali wieħed, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' inqas minn 10 kg. Jekk il-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut huwa ta' ħafna inqas minn 100 gramma, kampjun inkrementali wieħed jikkonsisti minn żewġ pakketti għall-bejgħ bl-imnut jew aktar, fejn jintlaħaq valur kemm jista' jkun qrib il-100 gramma.

B.2. **Servej ġenerali tal-metodu tat-teħid ta' kampjuni għaċ-ċereali u għall-prodotti taċ-ċereali**

▼M2

Tabella 1

Is-suddiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet skont il-prodott u l-piż tal-lott

Komodità	Piż tal-lott (f'tunnellati)	Piż jew numru ta' sublottijiet	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
Ċereali u prodotti taċ-ċereali	> 300 u < 1 500	3 sublottijiet	100	10
	≥ 50 u ≤ 300	100 tunnellata	100	10
	< 50	—	3 - 100 (*)	1 - 10

(*) Jiddependi mill-piż tal-lott — ara t-Tabella 2

▼B

B.3. **Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni għaċ-ċereali u għall-prodotti taċ-ċereali għal-lottijiet ta' ≥ 50 tunnellata**

— B'kundizzjoni li s-sublott jista' jiġi separat fiżikament, kull lott għandu jiġi suddiviż f'sublottijiet skond it-Tabella 1. Minħabba li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jeċċedi l-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %. Fil-każ li l-lott mhuwiex jew ma jistax ikun fiżikament separat f'sublottijiet, jittieħdu minimu ta' 100 kampjun inkrementali mil-lott. ►M2 Għal lottijiet > 500 tunnellata, in-numru ta' kampjuni inkrementali huwa previst fil-Parti L. 2 tal-Anness I. ◄

— Għandhom jittieħdu kampjuni ta' kull sublott separatament.

▼B

— In-numru ta’ kampjuni inkrementali: 100. Il-piż tal-kampjun aggregat = 10 kg

— Jekk mhux possibbli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta’ kampjuni stabbilit f’dan il-punt minħabba l-konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba l-forom ta’ l-ippakkjar, il-mezzi tat-trasport, eċċ.) jista’ jiġi applikat metodu alternattiv ta’ teħid ta’ kampjuni sakemm dan ikun rappreżentattiv kemm jista’ jkun u jkun deskritt u ddokumentat b’mod sħiħ. Jista’ jiġi applikat ukoll metodu alternattiv ta’ teħid ta’ kampjuni f’każijiet fejn huwa prattikament impossibbli li jkun applikat il-metodu tat-teħid ta’ kampjuni li ssemma aktar ’il fuq. Pereżempju, dan huwa l-każ fejn jinżammu lottijiet kbar ta’ ċereali f’imħażen jew fejn iċ-ċereali jinħażnu f’silos ►M2 [1] ◄.

B.4. **Il-metodu tat-teħid ta’ kampjuni għaċ-ċereali u għall-prodotti taċ-ċereali għal-lottijiet ta’ < 50 tunnellata**

Għal-lottijiet taċ-ċereali u tal-prodotti taċ-ċereali ta’ inqas minn 50 tunnellata, il-pjan għat-teħid ta’ kampjuni għandu jintuża b’10 sa 100 kampjun inkrementali, skond il-piż tal-lott, li jirriżulta f’kampjun aggregat ta’ 1 sa 10 kg. Għal-lottijiet tassew żgħar (≤ 0.5 ta’ tunnellata) jista’ jittieħed numru iżgħar ta’ kampjuni inkrementali, imma l-kampjun aggregat li jgħaqqad il-kampjuni inkrementali kollha f’dak il-każ għandu jkun ukoll ta’ mill-inqas 1 kg.

Jistgħu jintużaw iċ-ċifri fit-Tabella 2 biex ikun iddeterminat in-numru tal-kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu.

Tabella 2

In-numru tal-kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu li jiddependi mill-piż tal-lott taċ-ċereali u tal-prodotti taċ-ċereali

Il-piż tal-lott (tunnellati)	In-nru ta’ kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
≤ 0.05	3	1
> 0.05-≤ 0.5	5	1
> 0.5-≤ 1	10	1
> 1-≤ 3	20	2
> 3-≤ 10	40	4
> 10-≤ 20	60	6
> 20-≤ 50	100	10

B.5. **It-teħid ta’ kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta’ kampjuni ta’ l-oġġetti ta’ l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut irid isir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f’din il-parti B ta’ l-Anness I.

[1] It-teħid ta' kampjuni ta' tali lottijiet għandu jitwettaq skont ir-regoli stabbiliti fil-parti L. Il-gwida għat-teħid tal-kampjuni ta' lottijiet kbar għandha tiġi pprovduta f'dokument ta' gwida disponibbli fuq is-sit elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/food/food/chemicalsafety/contaminants/guidance-sampling-final.pdf
L-applikazzjoni ta' regoli ta' teħid ta' kampjuni skont l-EN ISO 24333:2009 jew ir-Regoli tat-teħid ta' kampjuni 124 GAFTA, applikati minn operaturi tan-negozju tal-ikel biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni hija ekwivalenti għar-regoli tat-teħid ta' kampjuni stipulati fil-Parti L.
Għat-teħid ta' kampjuni tal-lottijiet ta' tossini *Fusarium*, l-applikazzjoni ta' regoli tat-teħid ta' kampjuni skont l-EN ISO 24333:2009 jew ir-Regoli ta 124 GAFTA, applikati minn operaturi tan-negozju tal-ikel biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni hija ekwivalenti għar-regoli tat-teħid ta' kampjuni stipulati fil-Parti B;

▼B

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg ([1]).

B.6. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew ta' sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies;

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies.

C. IL-METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-FROTT IMNIXXEF, INKLUŻ FROTT IMNIXXEF TAD-DIELJA U PRODOTTI DERIVATI IMMA BL-EĊĊEZZJONI TAT-TIN IMQADDED

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għal

— l-aflatossina B1 u l-aflatossini totali fi frott imnixxef imma bl-eċċezzjoni tat-tin imqadded u

— l-okratossina A fi frott imnixxef tad-dielja (passolina, żbib u sultana).

C.1. **Il-piż tal-kampjun inkrementali**

Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma, sakemm mhux iddefinit mod ieħor f'din il-parti C ta' l-Anness I.

Fil-każ ta' lottijiet f'ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali jiddependi mill-piż ta' l-ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut.

Fil-każ tal-pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' aktar minn 100 gramma, dan ser jirriżulta f'kampjuni aggregati li jiżnu aktar minn 10 kg. Jekk il-piż ta' pakkett għall-bejgħ bl-imnut wieħed huwa ta' ħafna aktar minn 100 gramma, allura għandhom jittieħdu 100 gramma minn kull pakkett għall-bejgħ bl-imnut individwali bħala kampjun inkrementali. Dan jista' jsir jew meta jittieħed il-kampjun jew fil-laboratorju. Madankollu, f'każijiet fejn tali metodu ta' teħid ta' kampjuni jista' jwassal għal konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba l-forom ta' l-ippakkjar, il-mezzi tat-trasport, eċċ.) allura jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni. Pereżempju, fil-każ fejn prodott ta' valur huwa kkummerċjalizzat f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 500 gramma jew 1 kg, il-kampjun aggregat jista' jinkiseb bl-aggregazzjoni ta' numru ta' kampjuni inkrementali li huwa iżgħar min-numru indikat fit-tabelli 1 u 2, sakemm il-piż tal-kampjun aggregat jikkorrispondi għall-piż meħtieġ tal-kampjun aggregat li jissemma fit-tabelli 1 u 2.

Fejn il-pakkett għall-bejgħ bl-imnut huwa ta' inqas minn 100 gramma u jekk id-differenza mhix kbira ħafna, pakkett għall-bejgħ bl-imnut wieħed għandu jitqies bħala kampjun inkrementali wieħed, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' inqas minn 10 kg. Jekk il-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut huwa ta' ħafna inqas minn 100 gramma, kampjun inkrementali wieħed għandu jikkonsisti minn żewġ pakketti għall-bejgħ bl-imnut jew aktar, fejn jintlaħaq valur kemm jista' jkun qrib il-100 gramma.

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu jridu jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼B

C.2. **Servej ġenerali tal-metodu tat-teħid ta' kampjuni tal-frott imnixxef, bl-eċċezzjoni tat-tin**

Tabella 1

Is-suddiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet skond il-prodott u l-piż tal-lott

Il-prodott	Il-piż tal-lott (tunnellati)	Il-piż jew in-numru ta' sublottijiet	In-nru ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
Frott imqadded	≥ 15	15-30 tunnellata	100	10
	< 15	—	10-100 (*)	1-10

(*) Jiddependi mill-piż tal-lott – ara t-tabella 2 ta' dan il-parti ta' dan l-Anness.

C.3. **Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni għall-frott imnixxef (lottijiet ta' ≥ 15-il tunnellata), bl-eċċezzjoni tat-tin**

— Sakemm is-sublott jista' jiġi separat fiżikament, kull lott għandu jiġi suddiviż f'sublottijiet skond it-tabella 1. Jekk jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jeċċedi l-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

— Għandhom jittieħdu kampjuni ta' kull sublott separatament.

— In-numru ta' kampjuni inkrementali: 100. Il-piż tal-kampjun aggregat = 10 kg

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba l-forom ta' l-ippakkjar, il-mezzi tat-trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u jkun deskritt u ddokumentat bis-sħiħ.

C.4. **Il-metodu għat-teħid ta' kampjuni għall-frott imnixxef (lottijiet ta' < 15-il tunnellata), bl-eċċezzjoni tat-tin**

Għal-lottijiet tal-frott imnixxef, ħlief għat-tin, taħt il-15-il tunnellata l-pjan tat-teħid ta' kampjuni għandu jintuża b'10 sa 100 kampjun inkrementali, jiddependi mill-piż tal-lott, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' 1 sa 10 kg

Iċ-ċifri fit-tabella li ġejja jistgħu jintużaw biex jiġi ddeterminat in-numru ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu.

Tabella 2

In-numru ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skond il-piż tal-lott ta' frott imnixxef

Il-piż tal-lott (tunnellati)	In-Nru ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
≤ 0.1	10	1
> 0.1-≤ 0.2	15	1,5
> 0.2-≤ 0.5	20	2
> 0.5-≤ 1.0	30	3
> 1.0-≤ 2.0	40	4
> 2.0-≤ 5.0	60	6
> 5.0-≤ 10.0	80	8
> 10.0-≤ 15.0	100	10

▼B

C.5. **It-teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn ikun possibbli, it-teħid ta' kampjuni ta' l-oġġetti ta' l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-parti ta' l-Anness I.

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu ieħor alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg ([1]).

C.6. **Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-teħid ta' kampjuni għall-frott imnixxef bl-eċċezzjoni tat-tin imqadded ikkummerċjalizzat f'pakketti ssiġillati wara li minnhom tneħħiet l-arja**

Għal-lottijiet daqs jew ta' aktar minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu mill-inqas 25 kampjun inkrementali li jirriżultaw f'kampjun aggregat ta' 10 kg u għal-lottijiet ta' inqas minn 15-il tunnellata, għandhom jittieħdu 25 % tan-numru ta' kampjuni inkrementali li jissemma fit-tabella 2 li jirriżultaw f'kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 2).

C.7. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies;

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies.

D. IL-METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦAT-TIN IMQADDED, GĦALL-KARAWETT U GĦALL-ĠEWŻ

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-aflatossina B1 u għall-aflatossini totali fit-tin imqadded, fil-karawett u ġewż.

▼M1

D.1. **Metodu għat-teħid ta' kampjuni għat-tin imqadded**

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-aflatossina B_1 u għall-aflatossini totali fit-tin imqadded.

D.1.1. *Piż tal-kampjun inkrementali*

Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 300 gramma, sakemm mhux iddefinit mod ieħor fil-parti D.1 tal-Anness I.

Fil-każ ta' lottijiet f'imballaġġ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali jiddependi fuq il-piż tal-imballaġġ bl-imnut.

Fil-każ ta' pakketti bl-imnut ta' aktar minn 300 gramma, dan iwassal għal kampjuni ġenerali li jiżnu aktar minn 30 kg. Jekk il-piż ta' pakkett wieħed bl-imnut huwa aktar minn 300 gramma, 300 gramma għandhom jittieħdu minn kull pakkett individwali bl-imnut bħala kampjun inkrementali. Dan jista' jsir jew meta jittieħed il-kampjun jew fil-laboratorju. Madankollu, f'każijiet fejn dan il-metodu għat-teħid ta' kampjuni jista' jwassal għal konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara li ssir lil-lott (minħabba l-forom tal-ippakkjar, il-mezzi ta' trasport. eċċ.), jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni. Pereżempju, f'każ fejn prodott ta' valur huwa kkummerċjalizzat

([1]) F'każ li l-porzjon li minn ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼M1

f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 500 gramma jew 1 kg, il-kampjun aggregat jista' jinkiseb bl-aggregazzjoni ta' għadd ta' kampjuni inkrementali li huwa iżgħar mill-għadd indikat fit-tabelli 1, 2 u 3, sakemm il-piż tal-kampjun aggregat jikkorrispondi mal-piż meħtieġ tal-kampjun aggregat li jissemma fit-tabelli 1, 2 u 3.

Fejn il-pakkett bl-imnut huwa inqas minn 300 gramma u jekk id-differenza mhix kbira ħafna, pakkett wieħed bl-imnut għandu jitqies bħala kampjun inkrementali wieħed, u dan jirriżulta f'kampjun aggregat ta' inqas minn 30 kg. Jekk il-piż tal-pakkett bl-imnut huwa inqas minn 300 gramma, kampjun wieħed inkrementali għandu jikkonsisti f'żewġ pakketti jew aktar bl-imnut, u permezz tagħhom it-300 gramma jitqarrbu kemm jista' jkun.

D.1.2. *Servej ġenerali tal-metodu ta' teħid ta' kampjuni għat-tin imqadded*

Tabella 1

Suddiviżjoni ta' lottijiet f'sublottijiet skont il-piż tal-prodott u tal-lott

Prodott	Il-piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew numru ta' sublottijiet	In-numru ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
Tin imqadded	≥ 15	15-30 tunnellata	100	30
	< 15	—	10-100 (*)	≤ 30

(*) Skont il-piż tal-lott – ara t-tabella 2 ta' din il-parti D.1 ta' dan l-Anness

D.1.3. *Metodu ta' teħid ta' kampjuni għat-tin imqadded (lottijiet ≥ 15-il tunnellata)*

— Kemm-il darba s-sublott jista' fiżikament jinfired, kull lott għandu jiġi suddiviż f'sublottijiet skont it-tabella 1. Jekk jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jabqeż il-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

— Għandhom jittieħdu kampjuni ta' kull sublott separatament.

— Għadd ta' kampjuni inkrementali: 100.

— Il-piż tal-kampjun aggregat = 30 kg li għandu jitħallat u jitqassam fi tliet kampjuni tal-laboratorju ndaqs ta' 10 kg qabel it-tħin (din id-diviżjoni fi tliet kampjuni tal-laboratorju mhix meħtieġa fil-każ tat-tin imqadded suġġett għal aktar klassifikazzjoni jew trattament ieħor fiżiku u għad-disponibilità tat-tagħmir li jista' jomoġenizza kampjun ta' 30 kg).

— Kull kampjun tal-laboratorju ta' 10 kg għandu jintaħan għalih b'mod fin ħafna u jitħallat sew biex tinkiseb omoġenizzazzjoni sħiħa, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu ta' teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba forom ta' imballaġġ, mezzi ta' trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u deskritt u ddokumentat bis-sħiħ.

D.1.4. *Metodu ta' teħid ta' kampjuni għat-tin imqadded (lottijiet < 15-il tunnellata)*

L-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu jiddependi mill-piż tal-lott, b'minimu ta' 10 u massimu ta' 100.

▼M1

Iċ-ċifri fit-tabella 2 li ġejja jistgħu jintużaw biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu u d-diviżjoni sussegwenti tal-kampjun aggregat.

Tabella 2

L-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skont il-piż tal-lott u n-numru ta' suddiviżjonijiet tal-kampjun aggregat

Piż tal-lott (tunnellati)	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg) (fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jvarja – ara l-punt D.1.1)	Għadd ta' kampjuni tal-laboratorju mill-kampjun aggregat
≤ 0,1	10	3	1 (ebda diviżjoni)
> 0,1 - ≤ 0,2	15	4,5	1 (ebda diviżjoni)
> 0,2 - ≤ 0,5	20	6	1 (ebda diviżjoni)
> 0,5 - ≤ 1,0	30	9 (- < 12 kg)	1 (ebda diviżjoni)
> 1,0 - ≤ 2,0	40	12	2
> 2,0 - ≤ 5,0	60	18 (- < 24 kg)	2
> 5,0 - ≤ 10,0	80	24	3
> 10,0 - ≤ 15,0	100	30	3

— Il-piż tal-kampjun aggregat ≤ 30 kg li għandu jitħallat u jinqasam f'żewġ jew tliet kampjuni tal-laboratorju ndaqs ta' ≤ 10 kg qabel it-tħin (din id-diviżjoni f'żewġ jew tliet kampjuni tal-laboratorju mhix meħtieġa fil-każ tat-tin imqadded, suġġett għal aktar klassifikazzjoni jew trattament ieħor fiżiku u għad-disponibilità ta' tagħmir li jista' jomoġenizza kampjuni li jiżnu sa 30 kg).

F'każijiet fejn il-piż tal-kampjun aggregat huwa ta' inqas minn 30 kg, il-kampjun aggregat għandu jinqasam f'kampjuni tal-laboratorju skont il-gwida li ġejja:

— < 12-il kg: ebda diviżjoni f'kampjuni tal-laboratorju;

— ≥ 12 - < 24 kg: diviżjoni f'żewġ kampjuni tal-laboratorju;

— ≥ 24 kg: diviżjoni fi tlett kampjuni tal-laboratorju.

— Kull kampjun tal-laboratorju għandu jintaħan għalih b'mod fin ħafna u jitħallat sew biex tintlaħaq omoġenizzazzjoni sħiħa, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba forom ta' imballaġġ, mezzi ta' trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ.

D.1.5. *Metodu tat-teħid ta' kampjuni għal prodotti derivati u għal ikel kompost*

D.1.5.1. Prodotti derivati b'piż ta' partiċelli żgħir ħafna (distribuzzjoni omoġenja ta' tniġġis mill-aflatossini)

— Għadd ta' kampjuni inkrementali: 100; għal lottijiet ta' taħt il-50 tunnellata l-għadd ta' kampjuni inkrementali għandu jkun minn 10 sa 100, skont il-piż tal-lott (ara t-tabella 3).

▼M1

Tabella 3

Għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skont il-piż tal-lott

Piż tal-lott (tunnellati)	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg)
≤ 1	10	1
> 1 - ≤ 3	20	2
> 3 - ≤ 10	40	4
> 10 - ≤ 20	60	6
> 20 - ≤ 50	100	10

— Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma. Fil-każ ta' lottijiet f'pakketti tal-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali jiddependi mill-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut.

— Il-piż tal-kampjun aggregat = 1-10 kg imħalltin biżżejjed.

D.1.5.2. Prodotti oħra derivati bid-daqs tal-partiċella relativament kbir (distribuzzjoni eteroġenja ta' kontaminazzjoni ta' aflotossiku)

Metodu tat-teħid ta' kampjuni u aċċettazzjoni bħal tat-tin imqadded (D.1.3 u D.1.4).

D.1.6. *Teħid ta' kampjuni fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut*

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-parti tal-Anness I.

Fejn dan ma jkunx possibbli, jistgħu jintużaw metodi effettivi oħra ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dawn jiżguraw li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat bis-sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg ([1]).

D.1.7. *Metodu speċifiku għat-teħid ta' kampjuni ta' tin imqadded u prodotti li ġejjin mit-tin mibjugħa f'pakketti ssiġillati taħt vakum*

D.1.7.1. Tin imqadded

Għal lottijiet li jiżnu 15-il tunnellata jew aktar għandhom jittieħdu tal-inqas 50 kampjun inkrementali li jirriżultaw f'kampjun aggregat ta' 30 kg, u għal lottijiet ta' inqas minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu 50 % tal-għadd ta' kampjuni inkrementali msemmija fit-tabella 2, li jirriżultaw f'kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 2).

D.1.7.2. Prodotti li ġejjin mit-tin imqadded bid-daqs tal-particella żgħir.

Għal lottijiet li jiżnu 50 tunnellata jew aktar għandhom jittieħdu tal-inqas 25 kampjun inkrementali li jirriżultaw f'kampjun aggregat ta' 10 kg u għal lottijiet ta' inqas minn 50 tunnellata għandhom jittieħdu 25 % tan-numru ta' kampjuni inkrementali li jissemma fit-tabella 3 li jirriżultaw f'kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 3).

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼M1

D.1.8. *Aċċettazzjoni ta' lott jew sublott*

Għat-tin imqadded suġġett għal klassifikazzjoni jew trattament fiżiku ieħor:

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun aggregat jew il-medja tal-kampjuni tal-laboratorju tikkonforma mal-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk il-kampjun aggregat jew il-medja tal-kampjuni tal-laboratorju taqbeż il-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

Għat-tin imqadded maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem:

— aċċettazzjoni jekk l-ebda wieħed mill-kampjuni tal-laboratorju ma jaqbeż il-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk wieħed jew aktar mill-kampjuni tal-laboratorju jaqbeż/jaqbżu l-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

F'każijiet fejn il-kampjun aggregat huwa ta' 12-il kg jew inqas:

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jaqbeż il-limitu massimu waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

D.2. **Metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar**

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-aflatossina B_1 u għall-aflatossini totali fil-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ taż-żejt oħra, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar. ►M2 Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa wkoll ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-okratossina A, l-aflatossina B1 u għall-aflatossini totali fil-ħwawar b'daqs ta' partiċelli relattivament kbar (daqs tal-partiċella komparabbli mal-karawett jew akbar eż. in-noċemuskata). ◄

D.2.1. *Piż tal-kampjun inkrementali*

Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 200 gramma, sakemm mhux iddefinit mod ieħor fil-parti D.2. tal-Anness I.

Fil-każ ta' lottijiet f'imballaġġ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali jiddependi fuq il-piż tal-imballaġġ bl-imnut.

Fil-każ tal-pakketti bl-imnut ta' aktar minn 200 gramma, dan jirriżulta f'kampjuni aggregati li jiżnu aktar minn 20 kg. Jekk il-piż ta' pakkett wieħed bl-imnut huwa ħafna aktar minn 200 gramma, jittieħdu 200 gramma minn kull pakkett individwali bl-imnut bħala kampjun inkrementali. Dan jista' jsir jew meta jittieħed il-kampjun jew fil-laboratorju. Madankollu, f'każijiet fejn dan il-metodu għat-teħid ta' kampjuni jista' jwassal għal konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara li ssir lil-lott (minħabba forom ta' ippakkjar, mezzi ta' trasport. eċċ.), jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni. Pereżempju, f'każ fejn prodott ta' valur huwa kkummerċjalizzat f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 500 gramma jew ta' 1 kg, il-kampjun

▼M1

aggregat jista' jinkiseb bl-aggregazzjoni ta' għadd ta' kampjuni inkrementali li huwa iżgħar mill-għadd indikat fit-tabelli 1, 2 u 3, sakemm il-piż tal-kampjun aggregat jikkorrispondi mal-piż meħtieġ tal-kampjun aggregat li jissemma fit-tabelli 1, 2 u 3.

Fejn il-pakkett bl-imnut huwa inqas minn 200 gramma u jekk id-differenza mhix kbira ħafna, pakkett wieħed bl-imnut jitqies bħala kampjun wieħed inkrementali, u dan iwassal għal kampjun aggregat ta' inqas minn 20 kg. Jekk il-piż tal-pakkett bl-imnut huwa inqas minn 200 gramma, kampjun wieħed inkrementali għandu jikkonsisti f'żewġ pakketti jew aktar bl-imnut, u permezz tagħhom il-200 gramma jitqarrbu kemm jista' jkun.

D.2.2. *Stħarriġ ġenerali tal-metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar*

Tabella 1

Suddiviżjoni ta' lottijiet f'sublottijiet skont il-piż tal-prodott u tal-lott

Prodott	Piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg)
Ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar	≥ 500	100 tunnellata	100	20
	> 125 u < 500	5 sublottijiet	100	20
	≥ 15 u ≤ 125	25 tunnellata	100	20
	< 15	—	10-100 (*)	≤ 20

(*) Skont il-piż tal-lott – ara t-tabella 2 ta' din il-parti D.2. ta' dan l-Anness

D.2.3. *Metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar (lottijiet ≥ 15-il tunnellata)*

— Kemm-il darba s-sublott jista' fiżikament jinfired, kull lott għandu jiġi suddiviż f'sublottijiet skont it-tabella 1. Jekk jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jaqbeż il-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

— Għandhom jittieħdu kampjuni ta' kull sublott separatament.

— Għadd ta' kampjuni inkrementali: 100.

— Il-piż tal-kampjun aggregat = 20 kg li għandu jitħallat u jinqasam fi tliet kampjuni tal-laboratorju ndaqs ta' 10 kg qabel it-tħin (din id-diviżjoni fi tliet kampjuni tal-laboratorju mhix meħtieġa fil-każ tal-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar suġġetti għal aktar klassifikazzjoni jew trattament ieħor fiżiku u għad-disponibilità tat-tagħmir li jista' jomoġenizza kampjun ta' 20 kg).

— Kull kampjun tal-laboratorju ta' 10 kg għandu jintaħan għalih b'mod fin ħafna u jitħallat sew biex tinkiseb omoġenizzazzjoni sħiħa, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu ta' teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba forom ta' imballaġġ, mezzi ta' trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u deskritt u ddokumentat bis-sħiħ.

▼M1

D.2.4. *Metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar (lottijiet < 15-il tunnellata)*

L-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu jiddependi mill-piż tal-lott, b'minimu ta' 10 u massimu ta' 100.

Iċ-ċifri fit-tabella 2 li ġejja jistgħu jintużaw biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu u d-diviżjoni sussegwenti tal-kampjun aggregat.

Tabella 2

L-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skont il-piż tal-lott u n-numru ta' suddiviżjonijiet tal-kampjun aggregat

Piż tal-lott (tunnellati)	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg) (fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jvarja – ara l-punt D.2.1)	Għadd ta' kampjuni tal-laboratorju mill-kampjun aggregat
≤ 0,1	10	2	1 (ebda diviżjoni)
> 0,1 - ≤ 0,2	15	3	1 (ebda diviżjoni)
> 0,2 - ≤ 0,5	20	4	1 (ebda diviżjoni)
> 0,5 - ≤ 1,0	30	6	1 (ebda diviżjoni)
> 1,0 - ≤ 2,0	40	8 (- < 12 kg)	1 (ebda diviżjoni)
> 2,0 - ≤ 5,0	60	12	2
> 5,0 - ≤ 10,0	80	16	2
> 10,0 - ≤ 15,0	100	20	2

— Il-piż tal-kampjun aggregat ≤ 20 kg li għandu jitħallat u jekk meħtieġ jinqasam f'żewġ kampjuni tal-laboratorju ndaqs ta' ≤ 10 kg qabel it-tħin (din id-diviżjoni f'żewġ kampjuni tal-laboratorju mhix meħtieġa fil-każ tal-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar suġġetti għal aktar klassifikazzjoni jew trattament ieħor fiżiku u għad-disponibilità tat-tagħmir li jista' jomoġenizza kampjun sa 20 kg).

F'każijiet fejn il-piż tal-kampjun aggregat huwa ta' inqas minn 20 kg, il-kampjun aggregat għandu jinqasam f'kampjuni tal-laboratorju skont il-gwida li ġejja:

— < 12-il kg: ebda diviżjoni f'kampjuni tal-laboratorju;

— ≥ 12-il kg: diviżjoni f'żewġ kampjuni tal-laboratorju.

— Kull kampjun tal-laboratorju għandu jintaħan għalih b'mod fin ħafna u jitħallat sew biex tintlaħaq omoġenizzazzjoni sħiħa, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba forom ta' imballaġġ, mezzi ta' trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ.

▼M1

D.2.5. *Metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-prodotti derivati, għajr għaż-żejt veġetali, u l-ikel kompost.*

D.2.5.1. Prodotti derivati (għajr għaż-żejt veġetali) b'daqs żgħir tal-partiċelli, jiġifieri dqiq, butir tal-karawett (distribuzzjoni omoġenja ta' kontaminazzjoni mill-aflatossini)

— Għadd ta' kampjuni inkrementali: 100; għal lottijiet ta' taħt il-50 tunnellata l-għadd ta' kampjuni inkrementali għandu jkun minn 10 sa 100, skont il-piż tal-lott (ara t-tabella 3).

Tabella 3

Għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skont il-piż tal-lott

Piż tal-lott (tunnellati)	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg)
≤ 1	10	1
> 1 - ≤ 3	20	2
> 3 - ≤ 10	40	4
> 10 - ≤ 20	60	6
> 20 - ≤ 50	100	10

— Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma. Fil-każ ta' lottijiet f'pakketti tal-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali jiddependi mill-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut.

— Il-piż tal-kampjun aggregat = 1-10 kg imħalltin biżżejjed.

D.2.5.2. Prodotti oħra derivati b'daqs ta' partiċella relativament kbir (distribuzzjoni eteroġenja ta' kontaminazzjoni mill-aflotossini)

Metodu ta' teħid ta' kampjuni u aċċettazzjoni għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar (D.2.3 u D.2.4).

D.2.6. *Teħid ta' kampjuni fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut*

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-parti tal-Anness I.

Fejn dan ma jkunx possibbli, jistgħu jintużaw metodi effettivi oħra ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dawn jiżguraw li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat bis-sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg ([1]).

D.2.7. *Metodu speċifiku ta' teħid ta' kampjuni għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u prodotti derivati mibjugħa f'pakketti ssiġillati taħt vakum*

D.2.7.1. Pistaċċi, ġewż tal-art (karawett), ġewż tal-Brażil

Għal lottijiet li jiżnu 15-il tunnellata jew aktar għandhom jittieħdu tal-inqas 50 kampjun inkrementali li jirriżultaw f'kampjun aggregat ta' 20 kg, u għal lottijiet ta' inqas minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu 50 % tal-għadd

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼M1

ta’ kampjuni inkrementali msemmija fit-tabella 2, li jirriżultaw f’kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 2).

D.2.7.2. Lewż tal-berquq, ġewż tas-siġar għajr il-pistaċċi u l-ġewż tal-Brażil, żrieragħ oħra taż-żejt

Għal-lottijiet li jiżnu 15-il tunnellata jew aktar għandhom jittieħdu tal-inqas 25 kampjun inkrementali li jirriżultaw f’kampjun aggregat ta’ 20 kg u għal-lottijiet ta’ inqas minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu 25 % tan-numru ta’ kampjuni inkrementali li jissemma fit-tabella 2 li jirriżultaw f’kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 2).

D.2.7.3. Prodotti derivati mill-ġewż tas-siġar, lewż tal-berquq u ġewż tal-art (karawett) b’partiċelli ta’ daqs żgħir

Għal-lottijiet li jiżnu daqs jew aktar minn 50-il tunnellata għandhom jittieħdu tal-inqas 25 kampjun inkrementali li jirriżultaw f’kampjun aggregat ta’ 10 kg, u għal-lottijiet ta’ inqas minn 50 tunnellata għandhom jittieħdu 25 % tan-numru tal-kampjuni inkrementali li jissemma fit-tabella 3 li jirriżultaw f’kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 3).

D.2.8. *Aċċettazzjoni ta’ lott jew sublott*

Għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar suġġetti għal klassifikazzjoni jew trattament ieħor fiżiku:

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun aggregat jew il-medja tal-kampjuni tal-laboratorju tikkonforma mal-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk il-kampjun aggregat jew il-medja tal-kampjuni tal-laboratorju teċċedi l-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

Għall-ġewż tal-art (karawett), żrieragħ oħra taż-żejt, lewż tal-berquq u ġewż tas-siġar maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem:

— aċċettazzjoni jekk l-ebda wieħed mill-kampjuni tal-laboratorju ma jeċċedi l-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk wieħed jew aktar mill-kampjuni tal-laboratorju jaqbeż/jaqbżu l-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

F’każijiet fejn il-kampjun aggregat huwa ta’ 12-il kg jew inqas:

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk il-kampjun tal-laboratorju jaqbeż il-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

▼B

E. IL-METODU GĦAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-ĦWAWAR

▼M2

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-okratossina A, l-aflatossina B 1 u għall-aflatossini totali fil-ħwawar ħlief f'każijiet ta' ħwawar b'daqs ta' partiċelli relattivament kbar (distribuzzjoni eteroġena ta' kontaminazzjoni mill-mikotossini).

▼B

E.1. **Il-piż tal-kampjun inkrementali**

Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma, sakemm mhux iddefinit mod ieħor f'din il-parti E ta' l-Anness I.

Fil-każ tal-lottijiet f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali jiddependi mill-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut.

Fil-każ tal-pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' > 100 gramma, dan ser jirriżulta f'kampjuni aggregati li jiżnu aktar minn 10 kg. Jekk il-piż ta' pakkett għall-bejgħ bl-imnut wieħed huwa ta' >> 100 gramma, allura għandhom jittieħdu 100 gramma minn kull pakkett għall-bejgħ bl-imnut individwali bħala kampjun inkrementali. Dan jista' jsir jew meta jittieħed il-kampjun jew fil-laboratorju. Madankollu, f'każijiet fejn tali metodu għat-teħid ta' kampjuni jista' jwassal għal konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara li ssir lil-lott (minħabba l-forom ta' l-ippakkjar, il-mezzi ta' trasport. eċċ.), allura jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni. Pereżempju, fil-każ fejn prodott ta' valur huwa kkummerċjalizzat f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 500 gramma jew 1 kg, il-kampjun aggregat jista' jinkiseb bl-aggregazzjoni ta' numru ta' kampjuni inkrementali li huwa iżgħar min-numru indikat fit-tabelli 1 u 2, sakemm il-piż tal-kampjun aggregat jikkorrispondi għall-piż meħtieġ tal-kampjun aggregat li jissemma fit-tabelli 1 u 2.

Fejn il-pakkett għall-bejgħ bl-imnut jiżen inqas minn 100 gramma u jekk id-differenza ma tkunx kbira ħafna, pakkett għall-bejgħ bl-imnut wieħed għandu jitqies bħala kampjun inkrementali wieħed, u jirriżulta f'kampjun aggregat ta' inqas minn 10 kg. Jekk il-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut huwa ta' ħafna inqas minn 100 gramma, kampjun inkrementali wieħed għandu jikkonsisti f'żewġ pakketti għall-bejgħ bl-imnut jew aktar, fejn jintlaħaq valur kemm jista' jkun qrib il-100 gramma.

E.2. **Servej ġenerali tal-metodu għat-teħid ta' kampjuni għall-ħwawar**

Tabella 1

Is-suddiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet skond il-prodott u l-piż tal-lott

Il-prodott	Il-piż tal-lott (tunnellati)	Il-piż jew in-numru ta' sublottijiet	In-numru ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
Il-ħwawar	≥ 15	25 tunnellata	100	10
	< 15	—	5-100 (*)	0,5-10

(*) Jiddependi mill-piż tal-lott – ara t-tabella 2 ta' din il-parti ta' dan l-Anness.

E.3. **Il-metodu għat-teħid ta' kampjuni tal-ħwawar (lottijiet ta' ≥ 15-il tunnellata)**

— Sakemm is-sublott jista' jkun separat fiżikament, kull lott għandu jiġi suddiviż f'sublottijiet skond it-tabella 1. Jekk jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jeċċedi l-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

— Għandhom jittieħdu kampjuni ta' kull sublott separatament.

— In-numru ta' kampjuni inkrementali: 100. Il-piż tal-kampjun aggregat = 10 kg

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba l-forom ta'

▼B

l-ippakkjar, il-mezzi tat-trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u jkun deskritt u ddokumentat bis-sħiħ.

E.4. **Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni għall-ħwawar (lottijiet ta' < 15-il tunnellata)**

Għal-lottijiet tal-ħwawar li jiżnu inqas minn 15-il tunnellata, il-pjan tat-teħid ta' kampjuni għandu jintuża b'5 sa 100 kampjun inkrementali, jiddependi mill-piż tal-lott, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' 0.5 sa 10 kg.

Iċ-ċifri fit-tabella li ġejja jistgħu jintużaw biex jiġi ddeterminat in-numru ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu.

Tabella 2

In-numru ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skond il-piż tal-lott tal-ħwawar

Il-piż tal-lott (tunnellati)	In-numru ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
≤ 0.01	5	0,5
> 0.01-≤ 0.1	10	1
> 0.1-≤ 0.2	15	1,5
> 0.2-≤ 0.5	20	2
> 0.5-≤ 1.0	30	3
> 1.0-≤ 2.0	40	4
> 2.0-≤ 5.0	60	6
> 5.0-≤ 10.0	80	8
> 10.0-≤ 15.0	100	10

E.5. **It-teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni ta' l-oġġetti ta' l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet tat-teħid ta' kampjuni ddikkjarati f'din il-parti ta' l-Anness I.

Fejn dan ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu ieħor alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lot li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 0.5 kg ([1]).

E.6. **Il-metodu speċifiku għat-teħid ta' kampjuni tal-ħwawar ikkummerċjalizzati f'pakketti ssiġillati wara li minnhom tneħħiet l-arja**

Għal-lottijiet li jiżnu daqs jew aktar minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu ta' l-inqas 25 kampjun inkrementali li jirriżultaw f'kampjun aggregat ta' 10 kg, u għal-lottijiet ta' inqas minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu 25 % tan-numru tal-kampjuni inkrementali li jissemma fit-tabella 2 li jirriżultaw f'kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 2).

E.7. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies;

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies.

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 0.5 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 0,5 kg.

▼B

F. IL-METODU TAT-TEĦID TA’ KAMPJUNI GĦALL-ĦALIB U GĦALL-PRODOTTI TAL-ĦALIB; IL-FORMULI TAT-TRABI U L-FORMULI TA’ WARA, INKLUŻ IL-ĦALIB TAT-TRABI U L-ĦALIB TA’ WARA

Dan il-metodu ta’ teħid ta’ kampjuni huwa ta’ applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-aflatossina M1 fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib u l-formuli tat-trabi u l-formuli ta’ wara, inklużi l-ħalib tat-trabi u l-ħalib ta’ wara u l-ikel tad-dieta (il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib) għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub speċifikament għat-trabi.

F.1. **Il-metodu tat-teħid ta’ kampjuni għall-ħalib, għall-prodotti tal-ħalib, għall-formuli tat-trabi u għall-formuli ta’ wara, inklużi l-ħalib tat-trabi u l-ħalib ta’ wara**

Il-kampjun aggregat għandu jkun ta’ mill-inqas 1 kg jew litru wieħed ħlief fejn dan mhux possibbli, eż. fejn il-kampjun jikkonsisti fi flixkun wieħed.

In-numru minimu ta’ kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott għandu jkun kif jingħata fit-Tabella 1. In-numru ta’ kampjuni inkrementali ddeterminati huwa skond il-forma tas-soltu fejn il-prodotti konċernati huma kkummerċjalizzati. Fil-każ ta’ prodotti likwidi fi kwantità kbira, il-lott għandu jkun imħallat sew safejn dan huwa possibbli u safejn dan ma jaffettwax il-kwalità tal-prodott, jew permezz ta’ mezzi manwali jew permezz ta’ mezzi mekkaniċi eżatt qabel ma jittieħdu l-kampjuni. F’dan il-każ, wieħed jista’ jassumi distribuzzjoni omoġenja ta’ l-okratossina A f’lott partikolari. Għalhekk huwa suffiċjenti li minn lott jittieħdu tliet kampjuni inkrementali biex ikun ifformat kampjun aggregat.

Il-kampjuni inkrementali, li ta’ spiss jistgħu jkunu flixkun jew pakkett, għandhom ikunu ta’ piż simili. Il-piż ta’ kampjun inkrementali għandu jkun ta’ mill-inqas 100 gramma, li jirriżulta f’kampjun aggregat ta’ mill-inqas madwar 1 kg jew litru. Kwalunkwe varjazzjoni minn dan il-metodu, dan għandha tiġi rreġistrata fir-rekord provdut taħt il-parti A.3.8 ta’ l-Anness I.

Tabella 1

In-numru minimu ta’ kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott

Il-forma tal-kummerċjalizzazzjoni	Il-volum jew il-piż tal-lott (f’litri jew f’kg)	In-numru minimu ta’ kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu	Il-volum jew il-piż minimu tal-kampjun aggregat (f’litri jew f’kg)
Fi kwantità kbira	—	3-5	1
Fliexken/pakketti	≤ 50	3	1
Fliexken/pakketti	50 sa 500	5	1
Fliexken/pakketti	> 500	10	1

F.2. **It-teħid ta’ kampjuni fl-istadju ta’ bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta’ kampjuni ta’ l-oġġetti ta’ l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f’din il-parti ta’ l-Anness I.

▼B

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ ([1]).

F.3. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies (jew il-limitu tad-deċiżjoni – ara l-punt 4.4. ta' l-Anness II)

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies (jew il-limitu tad-deċiżjoni – ara l-punt 4.4. ta' l-Anness II)

▼M1

G. METODU TA' TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-KAFÈ, PRODOTTI TAL-KAFÈ, GĦERQ TAL-LIKORIZJA U ESTRATT TAL-LIKORIZJA

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-okratossina A fiż-żibeġ tal-kafè nkaljat, fil-kafè mitħun inkaljat, fil-kafè li jinħall, fl-għerq tal-likorizja u fl-estratt tal-likorizja.

G.1. **Piż tal-kampjun inkrementali**

Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma, sakemm mhux iddefinit mod ieħor f'din il-parti G tal-Anness I.

Fil-każ tal-lottijiet f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jiddependi mill-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut.

Fil-każ tal-pakketti bl-imnut ta' aktar minn 100 gramma, dan jirriżulta f'kampjuni aggregati li jiżnu aktar minn 10 kg. Jekk il-piż ta' pakkett wieħed bl-imnut huwa ħafna aktar minn 100 gramma, jittieħdu 100 gramma minn kull pakkett individwali bl-imnut bħala kampjun inkrementali. Dan jista' jsir jew meta jittieħed il-kampjun jew fil-laboratorju. Madankollu, f'każijiet fejn dan il-metodu għat-teħid ta' kampjuni jista' jwassal għal konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara li ssir lil-lott (minħabba forom ta' ippakkjar, mezzi ta' trasport. eċċ.), jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni. Pereżempju, fil-każ fejn prodott ta' valur huwa kkummerċjalizzat f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut ta' 500 gramma jew 1 kg, il-kampjun aggregat jista' jinkiseb bl-aggregazzjoni ta' numru ta' kampjuni inkrementali li huwa iżgħar min-numru indikat fit-tabelli 1 u 2, sakemm il-piż tal-kampjun aggregat jikkorrispondi għall-piż meħtieġ tal-kampjun aggregat li jissemma fit-tabelli 1 u 2.

Fejn il-pakkett bl-imnut huwa inqas minn 100 gramma u jekk id-differenza mhix kbira ħafna, pakkett wieħed bl-imnut jitqies bħala kampjun wieħed inkrementali, u dan iwassal għal kampjun aggregat ta' inqas minn 10 kg. Jekk il-piż tal-pakkett bl-imnut huwa inqas minn 100 gramma, kampjun wieħed inkrementali għandu jikkonsisti f'żewġ pakketti jew aktar bl-imnnut, u permezz tagħhom il-100 gramma jitqarrbu kemm jista' jkun.

G.2. **Stħarriġ ġenerali tal-metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-kafè nkaljat, kafè mitħun inkaljat, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja**

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼M1

Tabella 1

Is-suddiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet skont il-prodott u l-piż tal-lott

Prodott	Piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
Żibeġ tal-kafè nkaljat, kafè mitħun inkaljat, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja	≥ 15	15-30 tunnellata	100	10
	< 15	—	10-100 (*)	1-10

(*) Skont il-piż tal-lott – ara t-tabella 2 ta' din il-parti ta' dan l-Anness

G.3. **Metodu għat-teħid ta' kampjuni għaż-żibeġ tal-kafè nkaljat, kafè mitħun inkaljat, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja (lottijiet ta' ≥ 15-il tunnellata)**

— Kemm-il darba s-sublott jista' fiżikament jinfired, kull lott għandu jiġi suddiviż f'sublottijiet skont it-tabella 1. Waqt li jitqies li l-piż tal-lott mhuwiex dejjem eżattament multiplu tal-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jvarja mill-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

— Għandhom jittieħdu kampjuni ta' kull sublott separatament.

— Għadd ta' kampjuni inkrementali: 100.

— Il-piż tal-kampjun aggregat = 10 kg.

— Jekk ma jkunx possibbli li jitwettaq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni li ġie deskritt aktar 'il fuq minħabba l-konsegwenzi kummerċjali inaċċettabbli li jirriżultaw minn ħsara lil-lott (minħabba forom ta' imballaġġ, mezzi ta' trasport, eċċ.) jista' jiġi applikat metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni sakemm dan ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv u deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ.

G.4. **Metodu għat-teħid ta' kampjuni għaż-żibeġ tal-kafè nkaljat, kafè mitħun inkaljat, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja (lottijiet ta' < 15-il tunnellata)**

Għall-kafè nkaljat, kafè mitħun inkaljat, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja taħt il-15-il tunnellata, il-pjan ta' teħid ta' kampjuni għandu jintuża b'10 sa 100 kampjun inkrementali, skont il-piż tal-lott, u dan jirriżulta f'kampjun aggregat ta' minn 1 kg sa 10 kg.

Iċ-ċifri fit-tabella li ġejja jistgħu jintużaw biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' kampjuni inkrementali li jrid jittieħed.

Tabella 2

Għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu skont il-piż tal-lott ta' kafè nkaljat, kafè inkaljat mitħun, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja

Piż tal-lott (tunnellati)	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg)
≤ 0,1	10	1
> 0,1 - ≤ 0,2	15	1,5
> 0,2 - ≤ 0,5	20	2
> 0,5 - ≤ 1,0	30	3
> 1,0 - ≤ 2,0	40	4
> 2,0 - ≤ 5,0	60	6

▼M1

Piż tal-lott (tunnellati)	Għadd ta' kampjuni inkrementali	Piż tal-kampjun aggregat (kg)
> 5,0 - ≤ 10,0	80	8
> 10,0 - ≤ 15,0	100	10

G.5. **Metodu ta' teħid ta' kampjuni għall-kafè nkaljat, kafè mitħun inkaljat, kafè li jinħall, għerq tal-likorizja u estratt tal-likorizja mibjugħa f'pakketti ssiġillati taħt vakum**

Għal-lottijiet li jiżnu daqs jew aktar minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu tal-inqas 25 kampjun inkrementali li jirriżultaw f'kampjun aggregat ta' 10 kg, u għal-lottijiet ta' inqas minn 15-il tunnellata għandhom jittieħdu 25 % tan-numru tal-kampjuni inkrementali li jissemma fit-tabella 2 li jirriżultaw f'kampjun aggregat li l-piż tiegħu jikkorrispondi għall-piż tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni (ara t-tabella 2).

G.6. **Teħid ta' kampjuni fl-istadju ta' bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tat-teħid ta' kampjuni stabbiliti f'din il-parti tal-Anness I.

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg ([1]).

G.7. **Aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk il-kampjun tal-laboratorju jaqbeż il-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

▼B

H. IL-METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-MERAQ TAL-FROTT INKLUŻI L-MERAQ TA' L-GĦENEB, GĦALL-MOST TA' L-GĦENEB, GĦAS-SIDRU U GĦALL-INBID

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għal

— l-okratossina A fl-inbid, fil-meraq ta' l-għeneb u fil-most ta' l-għeneb u

— il-patulin fil-meraq tal-frott, fin-nektar tal-frott, fix-xorb alkoħoliku, fis-sidru u f'xorb ieħor iffermentat magħmul mit-tuffieħ jew li fih il-meraq tat-tuffieħ.

H.1. **Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni**

Il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas litru ħlief fejn dan ma jkunx possibbli, eż. meta l-kampjun jikkonsisti fi flixkun wieħed.

In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott għandu jkun kif jingħata fit-Tabella 1. In-numru tal-kampjuni inkrementali ddeterminati huwa skond il-forma tas-soltu li fiha huma kkummerċjalizzati l-prodotti konċernati. Fil-każ ta' prodotti likwidi fi kwantità kbira, il-lott għandu jkun imħallat sew kemm jista' jkun possibbli u sakemm dan ma jaffettwax il-kwalità tal-prodott, jew permezz ta' mezzi manwali jew

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼B

permezz ta' mezzi mekkaniċi eżatt qabel ma jittieħdu l-kampjuni. F'dan il-każ, wieħed jista' jassumi distribuzzjoni omoġenja ta' l-okratossina A u tal-patulin f'lott partikolari. Huwa għalhekk suffiċjenti li jittieħdu tliet kampjuni inkrementali minn lott biex jiġi fformat il-kampjun aggregat.

Il-kampjuni inkrementali, li ta' spiss jistgħu jkunu flixkun jew pakkett, għandhom ikunu ta' piż simili. Il-piż ta' kampjun inkrementali għandu jkun ta' mill-inqas 100 gramma, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' mill-inqas madwar litru. Kwalunkwe varjazzjoni minn dan il-metodu, għandha tiġi rreġistrata fir-rekord ipprovdut taħt il-parti A.3.8 ta' l-Anness I.

Tabella 1

In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott

Il-forma tal- kummerċjalizzazzjoni	Il-volum tal-lott (f'litri)	In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu	Il-volum minimu tal-kampjun aggregat (f'litri)
Bil-kwantità (meraq tal-frott, xorb alkoħoliku, sidru, inbid)	—	3	1
Fliexken/pakketti ta' meraq tal-frott, xorb alkoħoliku, sidru)	≤ 50	3	1
Fliexken/pakketti ta' meraq tal-frott, xorb alkoħoliku, sidru)	50 sa 500	5	1
Fliexken/pakketti ta' meraq tal-frott, xorb alkoħoliku, sidru)	> 500	10	1
Fliexken/pakketti ta' nbid	≤ 50	1	1
Fliexken/pakketti ta' nbid	50 sa 500	2	1
Fliexken/pakketti ta' nbid	> 500	3	1

H.2. **It-teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni ta' l-oġġetti ta' l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-parti ta' l-Anness I ([1]).

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ.

H.3. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies.

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies.

▼M2

I. METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦAL PRODOTTI SOLIDI TAT-TUFFIEĦ

Dan il-metodu tat-teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-patulin fil-prodotti solidi tat-tuffieħ, inklużi prodotti solidi tat-tuffieħ għat-tfal u tfal żgħar.

▼B

I.1. **Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni**

Il-kampjun aggregat għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg, ħlief fejn dan mhux possibbli, eż. meta jittieħdu kampjuni ta' pakkett wieħed.

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' litru, il-volum tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn litru.

▼B

In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott għandu jkun kif jingħata fit-Tabella 1. ►M2 ——————— ◄

Il-kampjuni inkrementali għandhom ikunu ta' piż simili. Il-piż ta' kampjun inkrementali għandu jkun ta' mill-inqas 100 gramma, li jirriżulta f'kampjun aggregat ta' mill-inqas 1 kg. Kwalunkwe varjazzjoni minn dan il-metodu, għandha tiġi rreġistrata fir-rekord ipprovdut taħt il-parti A.3.8 ta' l-Anness I.

Tabella 1

In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott

Il-piż tal-lott (f'kg)	In-numru minimu ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
< 50	3	1
50 sa 500	5	1
> 500	10	1

Jekk il-lott jikkonsisti minn pakketti individwali, allura n-numru ta' pakketti, li għandhom jittieħdu biex jifformaw il-kampjun aggregat, jingħata fit-Tabella 2.

Tabella 2

In-numru ta' pakketti (kampjuni inkrementali) li għandhom jittieħdu biex jifformaw il-kampjun aggregat jekk il-lott jikkonsisti f'pakketti individwali.

In-numru ta' pakketti jew l-unitajiet fil-lott	In-numru ta' pakketti jew unitajiet li għandhom jittieħdu	Il-piż tal-kampjun aggregat (kg)
1 sa 25	Pakkett wieħed jew unità waħda	1
26 sa 100	madwar 5 %, mill-inqas 2 pakketti jew unitajiet	1
> 100	madwar 5 %, massimu ta' 10 pakketti jew unitajiet	1

I.2. **It-teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni ta' l-oġġetti ta' l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet għat-teħid ta' kampjuni stabbiliti f'din il-parti ta' l-Anness.

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ ([1]).

I.3. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-inċertezza tal-qjies u l-korrezzjoni għall-irkupru,

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu, jekk jitqiesu l-inċertezza tal-qjies u l-korrezzjoni għall-irkupru.

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼B

J. IL-METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-IKEL TAT-TRABI U GĦALL-IKEL IPPROĊESSAT IBBAŻAT FUQ IĊ-ĊEREALI GĦAT-TRABI U GĦAT-TFAL ŻGĦAR

Dan il-metodu ta' ġbir ta kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti:

— għall-aflatossini, għall-okratossina A u għat-tossini *Fusarium* fl-ikel tat-trabi u fl-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar,

— għall-aflatossini u għall-okratossina A fl-ikel tad-dieta għal raġunijiet mediċi speċjali (minbarra l-ħalib u l-prodotti tal-ħalib) maħsuba speċifikament għat-trabi u

— għall-patulin fl-ikel għat-trabi li mhux ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar. Għall-kontroll tal-livelli massimi stabbiliti għall-patulin fil-meraq tat-tuffieħ u fil-prodotti solidi tat-tuffieħ għat-trabi u għat-tfal żgħar għandu japplika l-metodu tat-teħid ta' kampjuni kif deskritt taħt parti I ta' l-Anness I.

J.1. **Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni**

— Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni għaċ-ċereali u għall-prodotti taċ-ċereali kif stabbilit fil-punt B.4 ta' l-Anness I għandu japplika għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar. Għaldaqstant, in-numru ta' kampjuni inkrementali li għandu jittieħed għandu jiddependi mill-piż tal-lott, b'minimu ta' 10 u b'massimu ta' 100, skond it-Tabella 2 fil-punt B.4 ta' l-Anness I. Għal lottijiet żgħar ħafna (ta' ≤ 0.5 ta' tunnellata) jista' jittieħed numru iżgħar ta' kampjuni inkrementali, imma l-kampjun aggregat li jgħaqqad il-kampjuni inkrementali kollha li f'dak il-każ għandu wkoll ikun ta' mill-inqas 1 kg.

— il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun ta' madwar 100 gramma. Fil-każ tal-lottijiet f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut, il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jiddependi mill-piż tal-pakkett għall-bejgħ bl-imnut u fil-każ ta' lottijiet żgħar ħafna (ta' ≤ 0.5 ta' tunnellata) il-kampjuni inkrementali għandu jkollhom piż tali li meta jiġu magħquda flimkien il-kampjuni inkrementali jirriżulta f'kampjun aggregat ta' mill-inqas 1 kg. Kwalunkwe varjazzjoni minn dan il-metodu, għandha tiġi rreġistrata fir-rekord ipprovdut taħt il-parti A.3.8.

— il-piż tal-kampjun aggregat = 1-10 kg imħallat biżżejjed.

J.2. **It-teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta' kampjuni ta' l-oġġetti ta' l-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-parti ta' l-Anness I.

Fejn dak ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dan jiżgura li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b'mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat b'mod sħiħ ([1]).

J.3. **L-aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies;

— rifjut jekk, mingħajr l-iċken dubju, il-kampjun tal-laboratorju jeċċedi l-limitu massimu jekk jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qjies.

▼M1

K. METODU TA' TEĦID TA' KAMPJUNI GĦAŻ-ŻJUT VEĠETALI

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa ta' applikazzjoni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli massimi stabbiliti għall-mikotossini, b'mod partikolari l-aflatossina B_1, l-aflatossina totali u z-zearalenona fiż-żjut veġetali.

([1]) F'każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista' jkun ta' inqas minn 1 kg.

▼M1

K.1. **Metodu ta’ teħid ta’ kampjuni għaż-żjut veġetali**

— Il-piż tal-kampjun inkrementali għandu jkun tal-inqas madwar 100 gramma (ml) (skont in-natura tal-kunsinna, pereżempju żejt veġetali fi kwantità kbira, għandhom jittieħdu tal-inqas 3 kampjuni inkrementali ta’ madwar 350 ml), u dan jirriżulta f’kampjun aggregat ta’ mill-inqas 1 kg (litru).

— L-għadd minimu ta’ kampjuni inkrementali li jrid jittieħed mil-lott għandu jkun kif jidher fit-Tabella 1. Il-lott għandu jkun imħallat sewwa kemm jista’ jkun jew bl-idejn jew b’mezzi mekkaniċi minnufih qabel it-teħid ta’ kampjuni. F’dan il-każ, wieħed jista’ jassumi tqassim omoġenju ta’ aflotossina ġewwa lott wieħed partikolari, għalhekk ikun biżżejjed li jittieħdu tliet kampjuni inkrementali minn lott wieħed biex jiġi ffurmat il-kampjun aggregat.

Tabella 1

Għadd minimu ta’ kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu mil-lott

Forma ta’ kummerċjalizzazzjoni	Piż tal-lott (f’kg) Volum tal-lott (f’litri)	Għadd minimu ta’ kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu
Fi kwantità kbira (*)	—	3
pakketti	≤ 50	3
pakketti	> 50 sa 500	5
pakketti	> 500	10

(*) Kemm-il darba sublott jista’ fiżikament jinfired, kunsinni/lottijiet kbar ta’ żjut veġetali fi kwantità kbira għandom jinqasmu mill-ġdid f’sublottijiet kif previst fit-tabella 2 ta’ din il-parti.

Tabella 2

Qsim mil-ġdid ta’ lottijiet f’sublottijiet skont il-piż tal-lott

Prodott	Piż tal-lott (tunnellati)	Piż jew għadd ta’ sublottijiet	Għadd minimu ta’ kampjuni inkrementali	Piż minimu tal-kampjun aggregat (kg)
Żjut veġetali	≥ 1 500	500 tunnellata	3	1
	> 300 u < 1 500	3 sublottijiet	3	1
	≥ 50 u ≤ 300	100 tunnellata	3	1
	< 50	—	3	1

K.2. **Metodu ta’ teħid ta’ kampjuni għaż-żjut veġetali fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut**

Fejn huwa possibbli, it-teħid ta’ kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f’din il-parti tal-Anness I.

Fejn dan ma jkunx possibbli, jistgħu jintużaw metodi effettivi oħra ta’ teħid ta’ kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut sakemm dawn jiżguraw li l-kampjun aggregat huwa rappreżentattiv b’mod suffiċjenti tal-lott li minnu ttieħdu l-kampjuni u huwa deskritt u ddokumentat bis-sħiħ. Ikun xi jkun il-każ, il-kampjun aggregat għandu jkun ta’ mill-inqas 1 kg ([1]).

([1]) F’każ li l-porzjon li minnu ser jittieħdu l-kampjuni huwa tant żgħir li mhux possibbli li jinkiseb kampjun aggregat ta’ 1 kg, il-piż tal-kampjun aggregat jista’ jkun ta’ inqas minn 1 kg.

▼M1

K.3. **Aċċettazzjoni ta' lott jew sublott**

— aċċettazzjoni jekk il-kampjun tal-laboratorju jikkonforma mal-limitu massimu, waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies;

— rifjut jekk il-kampjun tal-laboratorju jaqbeż il-limitu massimu lil hinn minn kull dubju ġġustifikat waqt li jitqiesu l-korrezzjoni għall-irkupru u l-inċertezza tal-qies.

▼M2

L. METODU TA' TEĦID TA' KAMPJUNI GĦAL LOTTIJIET KBAR ĦAFNA JEW LOTTIJIET MAĦŻUNA JEW TRASPORTATI B'MOD LI MA JKUNX FATTIBBLI LI JSIR TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-LOTT KOLLU

L.1. **Prinċipji ġenerali**

Jekk il-mod ta' trasport jew ta' ħażna ta' lott ma jippermettix li jittieħdu kampjuni inkrementali mil-lott kollu, it-teħid ta' kampjuni ta' tali lottijiet preferibbilment għandu jsir meta l-lott ikun fi fluss (teħid dinamiku ta' kampjuni).

Fil-każ ta' mħażen kbar maħsuba biex jinħażen l-ikel fihom, l-operaturi għandhom jiġu mħeġġa li f'dawn l-imħażen jinstallaw tagħmir li jippermetti t-teħid (awtomatiku) ta' kampjuni mil-lott kollu maħżun.

Meta l-proċeduri kif stipulati f'din il-parti L jiġu applikati, l-operatur tan-negozju tal-ikel jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jiġi infurmat dwar il-proċedura tat-teħid tal-kampjuni. Jekk din il-proċedura ta' teħid ta' kampjuni tiġi kkontestata mill-operatur tan-negozju tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu, l-operatur tan-negozju tal-ikel jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom jippermettu lill-awtorità kompetenti tieħu kampjuni mil-lott kollu bi spejjeż tagħhom.

Teħid ta' kampjuni ta' parti mil-lott huwa permess, bil-kundizzjoni li l-kwantità tal-parti fil-kampjun tkun mill-inqas 10 % tal-lott li minnu se jittieħdu l-kampjuni. Jekk parti ta' lott ta' ikel tal-istess klassi jew deskrizzjoni tkun ittieħdet bħala kampjun u identifikata bħala li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Unjoni, għandu jiġi preżunt li l-lott kollu huwa milqut ukoll, sakemm valutazzjoni aktar dettaljata ma turi l-ebda evidenza li l-bqija tal-lott mhuwiex sodisfaċenti.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti, bħall-piż tal-kampjun inkrementali, previsti f'partijiet oħra ta' dan l-Anness huma applikabbli għat-teħid ta' kampjuni ta' lottijiet kbar ħafna jew lottijiet maħżuna jew trasportati b'mod li bih it-teħid ta' kampjuni mil-lott kollu mhuwiex fattibbli.

L.2. **L-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu fil-każ ta' lottijiet kbar ħafna**

Fil-każ ta' porzjonijiet kampjun kbar (porzjonijiet kampjun > 500 tunnellata), l-għadd ta' kampjuni inkrementali li għandhom jittieħdu = 100 kampjun inkrementali + √tunnellata. Madankollu f'każ li l-lott ikun inqas minn 1500 tunnellata u jista' jiġi suddiviż f'sublottijiet skont it-Tabella 1 tal-Parti B u bil-kundizzjoni li s-sublottijiet jistgħu fiżikament jinfirdu, għandu jittieħed in-numru ta' kampjuni inkrementali kif previst fil-Parti B.

L.3. **Lottijiet kbar ittrasportati bil-baħar**

L.3.1. *Teħid dinamiku ta' kampjuni ta' lottijiet kbar ittrasportati bil-baħar*

It-teħid ta' kampjuni ta' lottijiet kbar fuq il-bastimenti preferibbilment isir waqt li l-prodott ikun fi fluss (teħid dinamiku ta' kampjuni).

It-teħid ta' kampjuni għandu jsir għal kull stiva (entità li tkun tista' tiġi separata fiżikament). Madankollu l-istivi jiġu mbattla parzjalment, waħda wara l-oħra, biex is-separazzjoni fiżika inizjali ma tibqax hemm wara t-trasferiment tal-lottijiet f'faċilitajiet tal-ħżin. It-teħid ta' kampjuni għalhekk jista' jsir skont is-separazzjoni fiżika inizjali jew abbażi tas-separazzjoni wara t-trasferiment fil-faċilitajiet tal-ħżin.

▼M2

Il-ħatt ta' vapur jista' jdum diversi jiem. Normalment, it-teħid ta' kampjuni jsir f'intervalli regolari tul il-perjodu kollu li fih ikun għaddej il-ħatt. Madankollu mhux dejjem ikun fattibbli jew f'loku li jkun hemm spettur uffiċjali preżenti waqt it-teħid ta' kampjuni tul l-operazzjoni kollha tal-ħatt. Għalhekk jistgħu jittieħdu kampjuni minn parti tal-lott (porzjon li jittieħed kampjun minnu). L-għadd ta' kampjuni inkrementali jiġi stabbilit billi jitqies id-daqs tal-porzjon kampjunat.

Anke jekk il-kampjun uffiċjali jittieħed b'mod awtomatiku, il-preżenza ta' spettur hija neċessarja. Madankollu, meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku jsir skont parametri ddeterminati minn qabel u li ma jkunux jistgħu jinbidlu waqt it-teħid ta' kampjuni, u l-kampjuni inkrementali jinġabru f'reċipjent issiġillat b'mod li jelimina kull possibbiltà ta' frodi, il-preżenza ta' spettur allura tkun meħtieġa biss fil-bidu tat-teħid ta' kampjuni, kull darba li r-reċipjent tal-kampjuni jkun irid jinbidel u fi tmiem it-teħid ta' kampjuni.

L.3.2. *It-teħid ta' kampjuni tal-lottijiet ittrasportati bil-baħar permezz ta' teħid ta' kampjuni statiku*

Jekk it-teħid ta' kampjuni jsir b'mod statiku, tkun trid tiġi applikata l-istess proċedura kif prevista fil-faċilitajiet ta' ħżin (silos) aċċessibbli minn fuq (ara l-punt L.5.1).

It-teħid ta' kampjuni jsir fuq il-parti aċċessibbli (minn fuq) tal-lott/stiva. L-għadd ta' kampjuni inkrementali jiġi stabbilit billi jitqies id-daqs tal-porzjon li jittieħed kampjun minnu.

L.4. **It-teħid ta' kampjuni ta' lottijiet kbar maħżuna fi mħażen**

It-teħid ta' kampjuni jrid isir fuq il-parti aċċessibbli tal-lott. L-għadd ta' kampjuni inkrementali jiġi stabbilit billi jitqies id-daqs tal-porzjon kampjunat.

L.5. **It-teħid ta' kampjuni ta' faċilitajiet ta' ħażna (silos)**

L.5.1. *It-teħid ta' kampjuni minn silos (faċilment) aċċessibbli minn fuq*

It-teħid ta' kampjuni jrid isir fuq il-parti aċċessibbli tal-lott. L-għadd ta' kampjuni inkrementali jiġi stabbilit billi jitqies id-daqs tal-porzjon kampjunat.

L.5.2. *It-teħid ta' kampjuni minn silos mhux aċċessibbli minn fuq (silos magħluqa)*

L.5.2.1. Silos mhux aċċessibbli minn fuq (silos magħluqa) b'qisien individwali ta' > 100 tunnellata

Ikel maħżun f'silos bħal dawn ma jistax jittieħidlu kampjun b'mod statiku. Għalhekk, jekk l-ikel maħżun fis-silo jrid jittieħed kampjun minnu u ma hemm l-ebda possibbiltà li l-kunsinna tiċċaqlaq, irid isir ftehim mal-operatur li hu jrid jinforma l-ispettur dwar meta jkun se jinħatt is-silo, parzjalment jew kompletament, biex b'hekk it-teħid ta' kampjuni jsir meta l-għalf ikun fi fluss.

L.5.2.2. Silos mhux aċċessibbli minn fuq (silos magħluqa) ta's < 100 tunnellata

Kuntrarju għad-disposizzjonijiet fil-parti punt L.1 (parti li jittieħed kampjun minnha tal-anqas 10 %), il-proċedura tat-teħid tal-kampjuni tinvolvi r-rilaxx f'reċipjent ta' kwantità ta' 50 sa 100 kg u jittieħed il-kampjun minnha. Id-daqs tal-kampjun aggregat jikkorrispondi mal-lott kollu u l-għadd ta' kampjuni inkrementali relatati mal-kwantità tal-ikel rilaxxata mis-silo għal ġo reċipjent biex jittieħed kampjun minnu.

L.6. **It-teħid ta' kampjuni tal-ikel f'kontenituri kbar u magħluqa**

Spiss, dawn il-lottijiet ikun jista' jittieħed kampjun minnhom biss wara li jinħattu. F'ċerti każi ma jkunx possibbli li jinħattu fil-post li jaslu fih mal-importazzjoni jew fejn jiġu kkontrollati, u għalhekk it-teħid ta' kampjuni għandu jsir meta dawn il-kontenituri jinħattu. L-operatur għandu jgħarraf lill-ispettur dwar il-post u l-ħin tal-ħatt tal-kontenituri.

▼**M2**

M. IL-METODU TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI TA' SUPPLIMENTI TAL-IKEL IBBAŻAT FUQ ROSS IFFERMENTAT BI ĦMIRA ĦAMRA *MONASCUS PURPUREUS*

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni huwa applikabbli għall-kontroll uffiċjali tal-livell massimu stabbilit għaċ-ċitrinina fis-supplimenti tal-ikel ibbażat fuq ir-ross iffermentat bil-ħmira ħamra *Monascus purpureus*.

Il-proċedura tat-teħid tal-kampjuni u d-daqs tal-kampjun

Il-proċedura tat-teħid tal-kampjuni hija bbażata fuq il-preżunzjoni li supplimenti tal-ikel abbażi ta' ross iffermentat bi ħmira ħamra *Monascus purpureus* jiġu kkummerċjalizzati f'pakketti tal-imnut li normalment jinkludu minn 30 sa 120 kapsula f'kull pakkett bl-imnut.

Id-daqs tal-lott (Numru ta' pakketti bl-imnut)	L-għadd ta' imballaġġi bl-imnut li għandhom jittieħdu għall-kampjun	Id-daqs tal-kampjun
1-50	1	Il-kapsuli kollha
51-250	2	Il-kapsuli kollha
251-1 000	4	Minn kull pakkett għall-bejgħ bl-imnut meħud għall-kampjun, nofs il-kapsuli
> 1 000	4 + 1 pakketti għall-bejgħ bl-imnut għal kull 1000 pakkett għall-bejgħ bl-imnut b'massimu ta' 25 pakkett għall-bejgħ bl-imnut	≤ 10 pakketti għall-bejgħ bl-imnut: minn kull pakkett għall-bejgħ bl-imnut, nofs il-kapsuli > 10 pakketti għall-bejgħ bl-imnut: minn kull pakkett għall-bejgħ bl-imnut, jittieħed għadd ugwali ta' kapsuli li jirriżulta f'kampjun b'kontenut daqs dak ta' 5 pakketti għall-bejgħ bl-imnut

▼B

ANNESS II

IL-KRITERJI GĦALL-PREPARAZZJONI TAL-KAMPJUNI U GĦALL-METODI TA' ANALIŻI UŻATI GĦALL-KONTROLL UFFIĊJALI TAL-LIVELLI TA' MIKOTOSSINI FL-OĠĠETTI TA' L-IKEL

1. INTRODUZZJONI

1.1. **Il-prekawzjonijiet**

Minħabba li ġeneralment id-distribuzzjoni tal-mikotossini mhijiex omoġenja, il-kampjuni għandhom jiġu ppreparati, u omoġġenizzati b'mod speċjali, b'attenzjoni kbira.

Il-kampjun komplut, kif jiġi rċevut mil-laboratorju, għandu jkun omoġenizzat, f'każ li l-omoġenizzazzjoni titwettaq mil-laboratorju.

Għall-analiżi ta' l-aflatossini, matul il-proċedura għandu jkun eskluż kemm jista' jkun possibbli d-dawl tax-xemx, minħabba li l-istruttura kimika ta' l-aflatossini tinbidel bil-mod il-mod taħt l-influwenza tad-dawl ultravjola.

1.2. **Il-kalkolu tal-proporzjon ta' qoxra/qalba tal-ġewż sħiħ**

Il-limiti ffissati għall-aflatossini fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 466/2001 japplikaw għall-parti li tittiekel. Il-livell ta' l-aflatossini fil-parti li tittiekel tista' tiġi ddeterminata billi:

— il-kampjuni ta' ġewż "bil-qoxra" jistgħu jitqaxxru u jiġi ddeterminat il-livell ta' l-aflatossini fil-parti li tittiekel.

— il-ġewż "bil-qoxra" jista' jiġi mgħoddi mil-proċedura tal-preparazzjoni tal-kampjuni. Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi għandu jikkalkula l-piż tal-qalba tal-ġewż fil-kampjun aggregat. Il-piż tal-qalba tal-ġewż fil-kampjun aggregat għandu jkun ikkalkulat wara li jkun stabbilit fattur xieraq għall-proporzjon tal-qoxra tal-ġewż mal-qalba tal-ġewż fil-ġewż sħiħ. Dan il-proporzjon jintuża biex ikun aċċertat l-ammont ta' qalba fil-kampjun globali li ġie mgħoddi mill-preparazzjoni tal-kampjun u mill-metodu ta' analiżi

Madwar 100 ġewża sħiħa għandhom jittieħdu każwalment u b'mod separat mil-lott jew għandhom jitwarrbu minn kull kampjun aggregat. Jista' jinkiseb il-proporzjon għal kull kampjun tal-laboratorju billi jintiżen il-ġewż sħiħ, jitqaxxar, imbagħad jerġgħu jintiżnu l-porzjonijiet tal-qoxra u tal-qalba.

Madankollu, il-proporzjon ta' qoxra għall-qalba jista' jiġi stabbilit mil-laboratorju minn numru ta' kampjuni u għalhekk wieħed ikun jista' jassumih għal xogħol analitiku futur. Imma jekk kampjun tal-laboratorju partikolari jinstab li jkun qed jikser kwalunkwe limitu, il-proporzjon għal dak il-kampjun għandu jiġu ddeterminat billi jintużaw madwar 100 ġewża li jkunu twarrbu.

2. IT-TRATTAMENT TAL-KAMPJUN KIF JIRĊEVIH IL-LABORATORJU

Kull kampjun tal-laboratorju għandu jkun miħun b'mod fin u mħallat sew billi jintuża proċess li diġà ntwera li jikseb omoġenizzazzjoni kompleta.

F'każ li l-livell massimu japplika għall-materja xotta, il-kontenut ta' materja xotta tal-prodott għandu jiġi ddeterminat fuq parti mill-kampjun omoġenizzat, billi jintuża metodu li diġà ntwera biex jiġi ddeterminat b'mod eżatt il-kontenut ta' materja xotta.

3. IL-KAMPJUNI REPLIKATI

Għal raġunijiet ta' infurzar, kummerċ (difiża) u referenza (arbitraġġ), il-kampjuni replikati għandhom jittieħdu mill-materjal omoġenizzat sakemm tali proċedura ma tmurx kontra r-regoli ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-drittijiet ta' l-operatur tan-negozju ta' l-ikel

▼B

4. IL-METODU TA' ANALIŻI LI GĦANDU JINTUŻA MIL-LABORATORJU U R-REKWIŻITI TA' KONTROLL TAL-LABORATORJU

4.1. **Id-definizzjonijiet**

Dawn li ġejjin huma numru ta' definizzjonijiet li jintużaw l-aktar li l-laboratorju għandu jkun meħtieġ li juża:

r = Ir-Repetittività, il-valur li taħtu d-differenza assoluta bejn ir-riżultati ta' żewġ testijiet waħdanija li nkisbu taħt kundizzjonijiet ta' repetittività, jiġifieri l-istess kampjun, l-istess operatur, l-istess apparat, l-istess laboratorju, u intervall qasir ta' ħin, hija mistennija li taqa' fi ħdan probabbiltà speċifika (tipikament 95 %) u għalhekk $r = 2.8 \times s_r$.

s_r = Devjazzjoni standard, ikkalkulata mir-riżultati ġġenerati taħt kundizzjonijiet li jistgħu jiġu ripetuti.

RSD_r = Devjazzjoni standard relattiva, ikkalkulata minn riżultati li ġew iġġenerati taħt kundizzjonijiet ta' repettività $[(s_r / \bar{x}) \times 100]$.

R = Ir-riproduċibilità, il-valur li taħtu d-differenza assoluta bejn riżultati ta' testijiet waħdanija miksuba taħt kundizzjonijiet ta' riproduċibilità, jiġifieri fuq materjal identiku miksub minn operaturi f'laboratorji differenti, bl-użu tal-metodu standardizzat tat-test, hija mistennija li taqa' fi ħdan ċerta probabbiltà (tipikament 95 %); $R = 2.8 \times s_R$.

s_R = Devjazzjoni standard, ikkalkulata minn riżultati taħt kundizzjonijiet ta' riproduċibilità.

RSD_R = Devjazzjoni standard relattiva, ikkalkulata minn riżultati li ġew iġġenerati taħt kundizzjonijiet ta' riproduċibilità $[(s_R / \bar{x}) \times 100]$.

▼M2

4.2. **Ir-rekwiżiti ġenerali**

Il-metodi ta' analiżi li ntużaw għal raġunijiet ta' kontroll tal-ikel għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-partiti 1 u 2 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

4.3. **Ir-rekwiżiti speċifiċi**

4.3.1. *Ir-rekwiżiti speċifiċi għal metodi konfermatorji*

4.3.1.1. Il-kriterji ta' rendiment

Huwa rakkomandat li l-metodi ta' konferma vvalidati bis-sħiħ (jiġifieri l-metodi vvalidati mill-proċess ta' kollaborazzjoni għal matriċi rilevanti) jintużaw fejn xieraq u fejn disponibbli. Metodi ta' konferma xierqa oħra vvalidati (eż. metodi validati internament dwar matriċijiet rilevanti li jappartjenu għall-grupp ta' interess tal-komodità) jistgħu jintużaw ukoll dejjem jekk jissodisfaw il-kriterji ta' rendiment stipulati fit-tabelli li ġejjin.

Fejn huwa possibli, il-validazzjoni tal-metodi vvalidati internament għandha tinkludi materjal ta' referenza ċċertifikat.

▼M2

(a) Il-kriterji ta' rendiment għall-aflatossini

Kriterju	Konċentrazzjoni Firxa	Valur Rakkomandat Valur	Massimu Valur permess
Vojta	Kollha	Negliġibbli	—
Irkupru — Aflatossina M1	0,01 — 0,05 µg/kg	60 sa 120 %	
	> 0,05 µg/kg	70 sa 110 %	
Irkupru-Aflotossini B_1, B_2, G_1, G_2	< 1,0 µg/kg	50 sa 120 %	
	1 — 10 µg/kg	70 sa 110 %	
	> 10 µg/kg	80 sa 110 %	
Reproduċibbilità RSDR	Kollha	Kif derivat mill-Ekwazzjoni Horwitz (*) (**)	2 × il-valur derivat mill-Ekwazzjoni Horwitz (*) (**)
RSDr ta' ripetizzjoni jista' jiġi kkalkulat bħala 0,66 darba l-RSDR ta' riproduċibilità fil-konċentrazzjoni tal-interess			

Nota:

— Il-valuri li japplikaw kemm għall-B_1 u kemm għat-total ta' $B_1 + B_2 + G_1 + G_2$
— Jekk it-total tal-aflatossini individwali $B_1 + B_2 + G_1 + G_2$ irid jiġi rrapportat, allura r-rispons ta' kull waħda għas-sistema analitika jrid ikun magħruf jew ekwivalenti.

(b) Il-kriterji ta' rendiment għall-*okratossina* A

Livell µg/kg	Okratossina A		
	RSD_r %	RSD_R %	Irkupru %
< 1	≤ 40	≤ 60	50 sa 120
≥ 1	≤ 20	≤ 30	70 sa 110

(c) Il-kriterji ta' rendiment għall-patulin

Livell µg/kg	Patulin		
	RSD_r %	RSD_R %	Irkupru %
< 20	≤ 30	≤ 40	50 sa 120
20 – 50	≤ 20	≤ 30	70 sa 105
> 50	≤ 15	≤ 25	75 sa 105

(d) Il-kriterji ta' rendiment għad- *deossinivalenol*

Livell µg/kg	Deossinivalenol		
	RSD_r %	RSD_R %	Irkupru %
> 100 – ≤ 500	≤ 20	≤ 40	60 sa 110
> 500	≤ 20	≤ 40	70 sa 120

▼M2

(e) Il-kriterji ta' rendiment għaz-*zearalenone*

Livell µg/kg	Zearalenone		
	RSD_r %	RSD_R %	Irkupru %
≤ 50	≤ 40	≤ 50	60 sa 120
> 50	≤ 25	≤ 40	70 sa 120

(f) Il-kriterji ta' rendiment għall-*Fumonisin* B_1 u B_2 individwalment

Livell µg/kg	*Fumonisin* B_1 u B_2 individwalment		
	RSD_r %	RSD_R %	Irkupru %
≤ 500	≤ 30	≤ 60	60 sa 120
> 500	≤ 20	≤ 30	70 sa 110

(g) Il-kriterji ta' rendiment għat-tossini T-2 u HT-2 individwalment

Livell µg/kg	It-tossini T-2 u HT-2 individwalment		
	RSD_r %	RSD_R %	Irkupru %
15 - 250	≤ 30	≤ 50	60 sa 130
> 250	≤ 25	≤ 40	60 sa 130

(h) Il-kriterji ta' rendiment għaċ-ċitrinina

Livell µg/kg	Ċitrinina			
	RSD_r %	RSD_R % rakkomandat	RSD_R % massimu permess	Irkupru %
Kollha	0.66 × RSD_R	Kif derivat mill-Ekwazzjoni Horwitz (*) (**)	2 × il-valur derivat mill-Ekwazzjoni Horwitz (*) (**)	70 sa 120

(i) In-noti għall-kriterji ta' rendiment għall-mikotossini

— Il-limiti ta' skoperta tal-metodi użati mhumiex iddikjarati bħala l-valuri ta' preċiżjoni mogħtija fil-konċentrazzjonijiet ta' interess.

— Il-valuri ta' preċiżjoni huma kkalkulati mill-ekwazzjoni Horwitz, b'mod partikolari l-ekwazzjoni Horwitz oriġinali (għall-konċentrazzjonijiet $1{,}2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0{,}138$) (*) u l-ekwazzjoni Horwitz mmodifikata (għall-konċentrazzjonijiet $C < 1{,}2 \times 10^{-7}$) (**).

(*) L-ekwazzjoni Horwitz għall-konċentrazzjonijiet $1{,}2 \times 10^{-7} \leq C \leq 0{,}138$:

$RSD_R = 2^{(1-0{,}5 \log C)}$

(ref: *W. Horwitz, L.R. Kamps, K.W. Boyer, J.Assoc.Off.Analy.Chem.,1980, 63, 1344)*

(**) L-ekwazzjoni Horwitz mmodifikata (*) għall-konċentrazzjonijiet $C < 1{,}2 \times 10^{-7}$:

$RSD_R = 22\ \%$

(ref: *M. Thompson, Analyst, 2000, 125, p. 385-386)*

Fejn:

— RSD_R hija d-devjazzjoni standard relattiva kkalkulata mir-riżultati ġġenerati skont il-kundizzjonijiet ta' reproducibbilità [(sR/) 100]

— C huwa l-proporzjon tal-konċentrazzjoni (jiġifieri 1 = 100 g/100 g, 0,001 = 1 000 mg/kg)

Din hija ekwazzjoni ġeneralizzata ta' preċiżjoni li nstab li hija indipendenti mill-analita u mill-matriċi imma hija dipendenti biss fuq il-konċentrazzjoni għall-parti l-kbira tal-metodi ta' analiżi ta' rutina.

▼M2

4.3.1.2. Il-metodu "adegwatezza għall-fini"

Jista' jintuża l-approċċ "adegwatezza għall-fini" ([1]) bħala alternattiva biex tiġi vvalutata l-konvenjenza tal-metodi vvalidati internament għall-kontroll uffiċjali. Metodi xierqa għall-kontroll uffiċjali jridu jrendu riżultati b'inċertezza ta' kejl standard magħquda (u) inqas mill-inċertezza ta' kejl standard massimu kkalkulata bil-formula ta' hawn taħt:

$$Uf = \sqrt{(\mathrm{LOD}/2)^2 + (\alpha \times \mathrm{C})^2}$$

fejn:

— *Uf* hija l-inċertezza ta' kejl standard massima (µg/kg).

— LOD hija l-limitu ta' skoperta tal-metodu (µg/kg)

— α hija fattur numeriku kostanti li għandu jintuża skont il-valur ta' C. Il-valuri li għandhom jintużaw huma stabbiliti fit-Tabella aktar 'l isfel.

— C hija l-konċentrazzjoni ta' interess (µg/kg)

Jekk il-metodu analitiku jipprovdi riżultati b'qisien ta' inċertezza inqas mill-inċertezza standard massima, il-metodu għandu jitqies li huwa xieraq b'mod ugwali għal wieħed li jissodisfa l-kriterji ta' rendiment li jingħataw fil-punt 4.3.1.1.

Tabella

Il-valuri numeriċi li għandhom jintużaw għal α bħala kwantità kostanti fil-formula stipulata f'dan il-punt, skont il-konċentrazzjoni tal-interess

C (µg/kg)	α
≤ 50	0,2
51-500	0,18
501 - 1 000	0,15
1001 - 10 000	0,12
> 10 000	0,1

4.3.2. *Ir-rekwiżiti speċifiċi għal metodi ta' skrinjar semikwantitattivi*

4.3.2.1. Ambitu

L-ambitu japplika għal metodi bijoanalitiċi bbażati fuq l-immunoriko-noxximent jew l-irbit tar-reċetturi (bħal ELISA, dip-sticks, mekkaniżmi ta' fluss laterali, immunosensers) u metodi fiżikokimiċi bbażati fuq kromatografija jew detezzjoni diretta bl-ispektrometrija bil-massa (pereżempju ambient MS). Metodi oħrajn (eż. kromatografija ta' saff irqiq) mhumiex eskluż sakemm is-sinjali ġġenerati jirreferu direttament għal mikotossini ta' interess u jippermettu li l-prinċipju deskritt hawn taħt ikun applikabbli.

Ir-rekwiżiti speċifiċi japplikaw għal metodi speċifiċi li r-riżultat tal-kejl tagħhom huwa valur numeriku, pereżempju reazzjoni (relattiva) minn qarrej tad-dip-stick, sinjal minn LC-MS, eċċ., u li l-istatistika normali tapplika.

Ir-rekwiżiti ma japplikawx għal metodi li ma jagħtux valuri numeriċi (eż. linja li tkun hemm jew le biss), li jeħtieġu approċċi ta' validazzjoni differenti. Ir-rekwiżiti speċifiċi għal dawn il-metodi huma pprovduti fil-punt 4.3.3.

([1]) Ref: *M. Thompson u R. Wood, Accred. Qual. Assur., 2006, 10, p. 471-478.*

▼M2

Dan id-dokument jiddeskrivi l-proċeduri għall-validazzjoni tal-metodi ta' skrinjar permezz ta' validazzjoni interlaboratorja, il-verifika tar-rendiment ta' metodu vvalidat permezz ta' eżerċizzju interlaboratorju u l-validazzjoni minn laboratorju wieħed ta' metodu ta' skrinjar.

4.3.2.2. T e r m i n o l o ġ i j a

Konċentrazzjoni tal-mira tal-iskrinjar (STC): il-konċentrazzjoni tal-interess għad-detezzjoni tal-mikotossina f'kampjun. Meta l-għan ikun li tiġi ttestjata l-konformità ma' limiti regolatorji, l-STC tkun ugwali għal-livell massimu applikabbli. Għal għanijiet oħra jew fil-każ li l-ebda livell massimu ma jkun ġie stabbilit, l-STC tiġi definita minn qabel mil-laboratorju.

Metodu ta' skrinjar: tfisser metodu użat għal għażla minn dawk il-kampjuni b'livelli ta' mikotossini li jaqbżu l-konċentrazzjoni tal-iskrinjar tal-mira (STC), b'ċertezza partikolari. Għall-iskop ta' skrinjar tal-mikotossini, ċertezza ta' 95 % hi meqjusa tajba għall-iskop. Ir-riżultat tal-analiżi tal-iskrinjar huwa "negattiv" jew "suspett". Il-metodi ta' skrinjar għandhom jippermettu volum kbir ta' kampjuni kosteffikaċi, u b'hekk iżidu l-possibbiltà li jiġu skoperti każijiet ġodda ta' espożizzjoni għolja tal-konsumaturi u ta' riskji għal saħħithom. Dawn il-metodi għandhom ikunu bbażati fuq metodi bijonalatiċi, HPLC jew LC-MS. Riżultati minn kampjuni li jaqbżu l-valur ta' limitu għandhom jiġu vverifikati permezz tal-analiżi sħiħa mill-ġdid mill-kampjun oriġinali b'metodu ta' konferma.

"Kampjun negattiv" tfisser il-kontenut tal-mikotossini fil-kampjun huwa < STC b'ċertezza ta' 95 % (jiġifieri hemm 5 % ċans li l-kampjuni jkunu ġew irrappurtati b'mod inkorrett bħala negattivi).

"Kampjun negattiv falz" tfisser li l-kontenut tal-mikotossina fil-kampjun huwa > STC iżda li ġie identifikat bħala negattiv.

"Kampjun suspettat" (pożittiv għall-iskrinjar) tfisser li l-kampjun jaqbeż il-livell ta' limitu (ara hawn taħt) u jista' jkun fih livell ta' mikotossina ogħla mill-STC. Kull riżultat ta' suspett jixpruna analiżi ta' konferma għall-identifikazzjoni mhux ambigwa u l-kwantifikazzjoni tal-mikotossini.

"Kampjun ta' suspett falz" tfisser kampjun negattiv li ġie identifikat bħala suspett.

"Metodi ta' konferma" tfisser metodi li jipprovdu informazzjoni sħiħa jew informazzjoni komplementari li tippermetti li l-mikotossina tiġi identifikata u kwantifikata b'mod ċar fil-livell tal-interess.

Livell ta' limitu: ir-rispons, is-sinjal, jew il-konċentrazzjoni, miksub bil-metodu ta' skrinjar, li 'l fuq minnu l-kampjun huwa kklassifikat bħala "suspett". Il-limitu jiġi stabbilit matul il-validazzjoni u jieħu inkonsiderazzjoni l-varjabbiltà tal-kejl.

Il-kampjun ta' kontroll negattiv (matriċi vojt): kampjun magħruf bħala ħieles ([1]) mill-mikotossina li għandha tiġi skrinjata, pereżempju minn determinazzjoni preċedenti bl-użu ta' metodu ta' konferma ta' sensittività suffiċjenti. Jekk ma jkun jista' jinkiseb l-ebda kampjun vojt, mela l-materjal bl-aktar livell baxx li jista' jinkiseb jista' jintuża sakemm il-livell jippermetti l-konklużjoni li l-metodu ta' skrinjar huwa adegwat għall-fini.

Kampjun ta' kontroll pożittiv: kampjun li jinkludi l-mikotossina fil-konċentrazzjoni tal-mira tal-iskrinjar, eż. materjal ta' referenza ċċertifikat, materjal ta' kontenut magħruf (eż. materjal tat-test ta' testijiet tal-profiċjenza) jew inkella kkaratterizzat biżżejjed minn metodu konfermatorju. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq, tista' tintuża taħlita ta' kampjuni b'livelli differenti ta' kontaminazzjoni jew ta' kampjun miżjud ippreparat fil-laboratorju u kkaratterizzat biżżejjed, sakemm ikun jista' jintwera li l-livell ta' kontaminazzjoni ġie vverifikat.

([1]) Il-kampjuni huma meqjusa ħielsa mill-analita jekk l-ammont preżenti fil-kampjun ma jaqbiżx aktar minn 1/5th tal-STC. Jekk il-livell ikun jista' jiġi kkwantifikat b'metodu ta' konferma, il-livell irid jittieħed inkonsiderazzjoni għall-valutazzjoni ta' validazzjoni.

▼M2

4.3.2.3. Proċedura ta' validazzjoni

L-għan tal-validazzjoni huwa li turi kemm il-metodu tal-iskrinjar huwa adegwat għall-għan. Dan isir billi jiġi stabbilit il-valur ta' limitu u d-determinazzjoni tar-rata ta' negattivi u suspetti foloz. F'dawn iż-żewġ parametri, karatteristiċi ta' rendiment bħas-sensittività, is-selettività, u l-preċiżjoni huma integrati.

Metodi ta' skrinjar jistgħu jiġu vvalidati minn validazzjoni minn inter-laboratorju jew minn laboratorju wieħed. Jekk id-dejta ta' validazzjoni interlaboratorja hija diġà disponibbli għal ċertu kombinazzjoni ta' mikotossini/matriċi/STC, verifika ta' rendiment tal-metodu hija suffiċjenti f'laboratorju li jimplimenta l-metodu.

4.3.2.3.1. Validazzjoni inizjali permezz ta' validazzjoni unika fil-laboratorju

Mikotossini:

Il-validazzjoni għandha ssir għal kull mikotossina individwali fl-ambitu. F'każ ta' metodi bijoanalitiċi li jagħtu rispons ikkombinat għal ċertu grupp ta' mitotossini (eż. l-aflotossini B_1, B_2, G_1 & G_2; il-fumoniżini B_1 & B_2), trid tintwera l-applikabbiltà u jissemmew il-limitazzjonijiet tat-test fl-ambitu tal-metodu. Reattività trasversali mhux mixtieqa (eż. DON-3-glikosidu, 3- jew 15-aċetil-DON għal metodi bbażati għal DON) mhix meqjusa li żżid ir-rata negattiva falza tal-mikotossini fil-mira, iżda tista' żżid ir-rata ta' suspett falz. Din iż-żieda mhux mixtieqa se titnaqqas permezz tal-analiżi ta' konferma għall-identifikazzjoni mhux ambigwa u l-kwantifikazzjoni tal-mikotossini.

Matriċi:

Għandha titwettaq validazzjoni inizjali għal kull komodità, jew, meta jsir magħruf li l-metodu huwa applikabbli għal bosta komoditajiet, għal kull grupp ta' komodità. Fil-każ tal-aħħar, rappreżentant wieħed u komodità rilevanti tintgħażel minn dak il-grupp (ara t-Tabella A).

Kampjun stabbilit:

In-numru minimu ta' kampjuni differenti meħtieġa għall-validazzjoni huwa 20 kampjun ta' kontroll negattiv omoġenju u 20 kampjun ta' kontroll pożittiv omoġenju li fihom il-mikotossina fl-STC, analizzata taħt kundizzjonijiet ta' preċiżjoni intermedja (RSD_{Ri}) mifruxa fuq ħamest ijiem differenti. B'mod mhux obbligatorju, ġabriet addizzjonali ta' 20 kampjun li fihom f'livelli oħra l-mikotossini jistgħu jiżdiedu għall-validazzjoni stabbiliti biex jinkiseb għarfien sa fejn il-metodu jista' jiddistingwi bejn konċentrazzjonijiet tal-mikotossini differenti.

Konċentrazzjoni:

Għal kull STC li tintuża f'applikazzjoni ta' rutina, għandha titwettaq validazzjoni.

4.3.2.3.2. Validazzjoni inizjali permezz ta' provi kollaborattivi

Il-validazzjoni permezz ta' provi kollaborattivi għandha ssir skont protokoll rikonoxxut internazzjonalment fuq provi kollaborattivi (eż. ISO 5725:1994 jew il-Protokoll Armonizzat Internazzjonali tal-IUPAC) li jitlob l-inklużjoni ta' dejta valida minn mill-anqas tmien laboratorji differenti. Minbarra dan, l-unika differenza mqabbla ma' validazzjonijiet ta' laboratorju wieħed huwa li $\geq$ 20 kampjun għal kull komodità/livell jistgħu jitqassmu b'mod ugwali matul laboratorji parteċipanti, b'minimu ta' żewġ kampjuni għal kull laboratorju.

▼M2

4.3.2.4. Determinazzjoni tal-livell ta' limitu u r-rata ta' riżultati suspettati foloz ta' kampjuni vojta

It-tweġibiet (relattivi) għall-kontroll negattiv u l-kampjuni ta' kontroll pożittiv jittieħdu bħala bażi għall-kalkolu tal-parametri meħtieġa.

Metodi ta' skrinjar b'rispons proporzjonali mal-konċentrazzjoni tal-mikotossini

Għal metodi ta' skrinjar b'rispons proporzjonali mal-konċentrazzjoni tal-mikotossini japplika dan li ġej:

$$Limitu = R_{STC} — t\text{-}value_{0,05} * SD_{STC}$$

R_{STC} = rispons medju tal-kampjuni tal-kontroll pożittivi (f'STC)

valur t: valur t b'denb wieħed għal rata ta' riżultati negattivi falzi ta' 5 % (ara t-tabella B)

SD_{STC} = devjazzjoni standard

Metodi ta' skrinjar b'rispons inversament proporzjonali għall-konċentrazzjoni tal-mikotossini

Bl-istess mod, għal metodi ta' skrinjar b'rispons inversament proporzjonali mal-konċentrazzjoni tal-mikotossini, il-limitu jiġi ddeterminat bħala:

$$Limitu = R_{STC} + t\text{-}valur_{0,05} * SD_{STC}$$

Bl-użu ta' dan il-valur t speċifiku biex jiġi stabbilit il-valur ta' limitu, ir-rata ta' riżultati negattivi foloz tkun awtomatikament stabbilita għal 5 %.

L-adegwatezza għall-iskop ta' valutazzjoni

Riżultati mill-kampjuni ta' kontroll negattivi jintużaw biex issir stima tar-rata korrispondenti ta' riżultati suspettati foloz. Il-valur t jiġi kkalkulat b'mod li jikkorrispondi għas-sitwazzjoni fejn ir-riżultat ta' kampjun ta' kontroll negattiv ikun ikun ogħla mill-valur ta' limitu, u għalhekk jiġi kklassifikat li ġie ssuspettat bi żball.

t-valur = (limitu — $medju_{blank}$)/SD_{blank} għal metodi ta' skrinjar b'rispons proporzjonali mal-konċentrazzjoni tal-mikotossini

jew

valur t = ($medju_{blank}$ — limitu)/SD_{blank} għal metodi ta' skrinjar b'rispons inversament proporzjonali għall-konċentrazzjoni tal-mikotossini

Mill-valur t miksub, ibbażat fuq il-gradi ta' libertà ikkalkulati mill-għadd ta' esperimenti, il-probabbiltà ta' kampjuni suspettati foloz għal tqassim b'denb wieħed tista' tiġi kkalkulata (funzjoni spread sheet "TDIST") jew tittieħed minn tabella għat–tqassim t.

Il-valur korrispondenti tat-tqassim t b'denb wieħed jispeċifika r-rata ta' riżultati suspettati foloz.

Dan il-kunċett huwa deskritt fid-dettall b'eżempju f'Kimika Analitika u Bijoanalitika DOI 10.1007/s00216 -013-6922-1.

4.3.2.5. It-twessigħ tal-ambitu tal-metodu

4.3.2.5.1. Estensjoni tal-ambitu għal mikotossini oħra:

Meta mikotossini ġodda jiżdiedu mal-ambitu ta' metodu ta' skrinjar eżistenti, tkun meħtieġa validazzjoni sħiħa sabiex tintwera l-adegwatezza tal-metodu.

▼M2

4.3.2.5.2. Estensjoni għal prodotti oħra:

Jekk il-metodu ta' skrinjar huwa magħruf jew mistenni li jkun applikabbli għal prodotti oħra, il-validità għal dawn il-komoditajiet oħra għandha tiġi vverifikata. Sakemm il-komodità l-ġdida tkun tappartjeni għal grupp ta' komodità (ara t-Tabella A) li għalih tkun diġà saret validazzjoni inizjali, validazzjoni addizzjonali limitata hija biżżejjed. Għal dan, minimu ta' 10 kampjuni ta' kontroll negattiv omoġenju u 10 kampjuni ta' kontroll pożittiv omoġenju (STC) għandhom jiġu analizzati taħt kundizzjonijiet ta' preċiżjoni intermedji. Il-kampjuni ta' kontroll pożittiv għandhom kollha jkunu ogħla mill-valur ta' limitu. F'każ li dan il-kriterju ma jintlaħaqx tkun meħtieġa validazzjoni sħiħa.

4.3.2.6. Verifika tal-metodi diġà vvalidati permezz ta' provi kollaborattivi

Għal metodi ta' skrinjar li diġà ġew ivvalidati b'suċċess permezz ta' prova kollaborattiva fil-laboratorju, għandu jiġi vverifikat ir-rendiment tal-metodu. Għal dan għandhom jiġu analizzati minimu ta' 6 kampjuni ta' kontroll negattiv u 6 ta' kontroll pożittiv (f'STC). Il-kampjuni ta' kontroll pożittiv għandhom kollha jkunu ogħla mill-valur ta' limitu. F'każ li dan il-kriterju ma jiġix issodisfat, il-laboratorju irid iwettaq analiżi tal-kawża ewlenija sabiex jidentifika r-raġuni għaliex ma jistax jissodisfa l-ispeċifikazzjoni kif miksuba fil-prova kollaborattiva. Huwa biss wara t-teħid ta' azzjoni korrettiva li għandu jivverifika mill-ġdid ir-rendiment tal-metodu fil-laboratorju tiegħu. F'każ li l-laboratorju ma jkunx kapaċi jivverifika r-riżultati mill-prova kollaborattiva, ikollu jistabbilixxi l-limitu tiegħu f'validazzjoni waħdanija kompleta fil-laboratorju.

4.3.2.7. Il-verifika kontinwa tal-metodu/verifika tal-metodu li għadha għaddejja

Wara validazzjoni inizjali, tkun meħtieġa dejta ta' validazzjoni addizzjonali billi jiġu inklużi għall-anqas żewġ kampjuni ta' kontroll pożittivi f'kull lott ta' kampjuni skrinjati. Kampjun ta' kontroll pożittiv wieħed ikun kampjun magħruf (eż. dak użat waqt validazzjoni inizjali), u l-ieħor ikun komodità differenti mill-istess grupp ta' komoditajiet (f'każ li komodità waħda biss tiġi analizzata, jintuża biss kampjun ta' dik il-komodità minflok). L-inklużjoni ta' kampjun ta' kontroll negattiv hija fakultattiva. Ir-riżultati miksuba għaż-żewġ kampjuni ta' kontroll pożittiv ta' validazzjoni eżistenti huma miżjuda mas-sett ta' validazzjoni eżistenti.

Mill-inqas darba fis-sena il-valur ta' limitu jiġi stabbilit mill-ġdid u l-validità tal-metodu tiġi vvalutata mill-ġdid. Il-verifika kontinwa tal-metodu għandha bosta għanijiet:

— kontroll tal-kwalità tal-lott ta' kampjuni skrinjati

— tipprovdi tagħrif dwar ir-robustezza tal-metodu f'kundizzjonijiet fil-laboratorju li japplika l-metodu

— ġustifikazzjoni ta' applikabbiltà tal-metodu għal komoditajiet differenti

— tippermetti li l-valuri ta' limitu jiġu aġġustati f'każ ta' tifrix gradwali matul iż-żmien.

4.3.2.8. Rapport ta' validazzjoni

Ir-rapport ta' validazzjoni għandu jkun fih:

— Dikjarazzjoni dwar l-STC

— Dikjarazzjoni dwar il-limitu miksub.

▼M2

Nota: Il-limitu jrid ikollu l-istess għadd ta' ċifri sinifikanti bħall-STC. Il-valuri numeriċi użati biex jiġi kkalkulat il-limitu jeħtieġu għall-anqas ċifra oħra aktar sinifikanti mill-STC.

— Dikjarazzjoni dwar ir-rata kkalkulata ta' suspetti foloz

— Dikjarazzjoni dwar kif ġiet iġġenerata r-rata ta' suspetti foloz.

Nota: Id-dikjarazzjoni dwar ir-rata kkalkulata ta' suspetti foloz tindika jekk il-metodu hux adattat minħabba li tindika l-għadd ta' kampjuni (jew livell baxx ta' kontaminazzjoni) vojta li se jkunu soġġetti għal verifika.

Tabella A

Il-gruppi ta' komoditajiet għall-validazzjoni tal-metodi ta' skrinjar

Il-gruppi ta' komoditajiet	Il-kategoriji ta' komoditajiet	Komoditajiet tipiċi rappreżentattivi inklużi fil-kategorija
Kontenut għoli ta' ilma	Meraq tal-frott	Meraq tat-tuffieħ, meraq tal-għeneb
	Xorb alkoħoliku	Inbid, birra, sajder
	Ħxejjex f'sura ta' għeruq u tuberi	Ġinġer frisk
	Ċereali jew purees fuq bażi ta' frott	Purees maħsuba għat-trabi u għat-tfal żgħar
Kontenut għoli ta' żejt	Ġewż tas-siġar	Ġewż, ġellewż, qastan
	Żerriegħa taż-żejt u l-prodotti tagħha	Żrieragħ tal-lift, ġirasol, żerriegħa tal-qoton, fażola tas-sojja, karawett, ġunġlien eċċ.
	Frott żejtni u prodotti tagħhom	Żjut u pejsts (eż. butir tal-karawett, tahina)
Kontenut għoli ta' lamtu u/jew kontenut ta' proteini u kontenut ta' ilma u xaħam baxx	Ħbub tal-qamħ u l-prodotti tagħhom	Qamħ, segala, xgħir, qamħirrum, ross, ħafur Ħobż tal-oħxon, ħobż abjad, crackers, ċereali għall-kolazzjon, għaġin
	Prodotti tad-dieta	Trab imnixxef għall-preparazzjoni tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar
Kontenut għoli ta' aċidu u kontenut għoli ta' ilma (*)	Prodotti taċ-ċitru	
"Komoditajiet diffiċli jew uniċi" (**)		Il-ful tal-kawkaw u l-prodotti tagħhom, il-kopra u l-prodotti tagħha, kafè, te Ħwawar, għud is-sus
Kontenut tal-ilma baxx għoli fiz-zokkor	Frott imnixxef	Tin, żbib, passolina, sultana
Ħalib u prodotti tal-ħalib	Ħalib	Ħalib tal-baqar, tal-mogħoż u tal-buflu
	Ġobon	Ġobon tal-baqar u tal-mogħoż
	Prodotti tal-ħalib (eż. trab tal-ħalib)	Jogurt, krema

(*) Jekk bafer jintuża biex jistabbilizza l-bidliet tal-pH fl-istadju tal-estrazzjoni, imbagħad dan il-grupp ta' komoditajiet jista' jiġi mgħaqqad fi grupp ta' komoditajiet wieħed "Kontenut għoli tal-ilma".

(**) "Komoditajiet diffiċli jew uniċi" għandha tkun biss ivvalidata kompletament jekk dawn jiġu analizzati ta' spiss. Jekk jiġu analizzati biss ta' kultant, il-validazzjoni tista' titnaqqas għall-verifika tal-livelli ta' rappurtar bl-użu ta' estratti bjanki miżjuda.

▼M2

Tabella B

Valur t b'denb wieħed għal rata negattiva falza ta' 5 %

Gradi ta' libertà	Numru ta' repliki	valur t (5 %)
10	11	1,812
11	12	1,796
12	13	1,782
13	14	1,771
14	15	1,761
15	16	1,753
16	17	1,746
17	18	1,74
18	19	1,734
19	20	1,729
20	21	1,725
21	22	1,721
22	23	1,717
23	24	1,714
24	25	1,711
25	26	1,708
26	27	1,706
27	28	1,703
28	29	1,701
29	30	1,699
30	31	1,697
40	41	1,684
60	61	1,671
120	121	1,658
∞	∞	1,645

4.3.3. *Rekwiżiti għal metodi kwalitattivi ta' skrinjar (metodi li ma jagħtux valuri numeriċi)*

L-iżvilupp ta' linji gwida ta' validazzjoni għal metodi ta' ttestjar binarju għadu soġġett għal korpi ta' standardizzazzjoni varji (eż. AOAC, ISO). Reċentement ħafna AOAC abbozzat linja gwida dwar din il-kwistjoni. Dan id-dokument jista' jitqies bħala l-qagħda attwali tat-teknoloġija fil-qasam tiegħu. Għalhekk metodi li jagħtu riżultati binarji (eż. spezzjoni viżiva tat-testijiet tad-dip-stick) għandhom jiġu vvalidati skont din il-linja gwida

http://www.aoac.org/imis15_prod/AOAC_Docs/ISPAM/Qual_Chem_Guideline_Final_Approved_031412.pdf

4.4. **L-istima tal-inċertezza tal-kejl, tal-kalkolu tal-irkupru u tar-rappurtaġġ tar-riżultati** ([1])

([1]) Aktar dettalji dwar proċeduri għall-istima tal-inċertezza tal-kejl u dwar proċeduri għall-valutazzjoni tal-irkupru jinsabu fir-rapport "Rapport dwar ir-relazzjoni bejn ir-riżultati analitiċi, l-inċertezza tal-kejl, il-fatturi ta' rkupru u d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-ikel u l-għalf tal-UE" — http://ec.europa.eu/comm/food/food/chemicalsafety/contaminants/report-sampling_analysis_2004_en.pdf

▼M2

4.4.1. *Metodi ta' konferma*

Ir-riżultat analitiku għandu jiġi rappurtat kif ġej:

(a) Ikkoreġut għall-irkupru, u jiġi indikat il-livell ta' rkupru. Il-korrezzjoni għall-irkupru mhix neċessarja fejn ir-rata tal-irkupru tkun bejn 90 u 110 %.

(b) bħala "x +/- U", fejn x hija r-riżultat analitiku u U hija l-inċertezza tal-kejl imwessgħa, billi jintuża fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 %.

Għall-ikel li ġej mill-annimali, tista' tittieħed inkonsiderazzjoni l-inċertezza tal-qies ukoll billi jiġi stabbilit il-limitu ta' deċiżjoni (CCα) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE ([1]) (il-punt 3.1.2.5 tal-Anness I — il-każ ta' sustanzi b'limitu permess stabbilit).

Madankollu, jekk ir-riżultat tal-analiżi jkun sostanzjalment (> 50 %) inqas mil-livell massimu jew ogħla ħafna iktar mil-livell massimu (jiġifieri aktar minn ħames darbiet il-livell massimu), u bil-kundizzjoni li l-proċeduri ta' kwalità xierqa jiġu applikati u l-analiżi sservi biss l-iskop li tiġi ċċekkjata l-konformità mad-dispożizzjonijiet legali, ir-riżultat analitiku jista' jiġi rrappurtat mingħajr korrezzjoni għall-irkupru u, f'dawn il-każijiet, ir-rappurtar tar-rata tal-irkupru u l-inċertezza tal-kejl jista' jitħalla barra.

Ir-regoli ta' interpretazzjoni attwali tar-riżultat analitiku fid-dawl tal-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-lott japplikaw għar-riżultat analitiku miksub tal-kampjun għall-kontroll uffiċjali. F'każ ta' analiżi għal raġunijiet ta' difiża jew ta' arbitraġġ, japplikaw ir-regoli nazzjonali.

4.4.2. *Metodi ta' skrinjar*

Ir-riżultat tal-iskrinjar għandu jiġi espress bħala konformi jew suspettat li ma jikkonformax.

"Kampjun suspettat iżda mhux konformi" tfisser li l-kampjun jaqbeż il-livell ta' limitu u jista' jkun fih mikotossina f'livell ogħla mill-STC. Kull riżultat ta' suspett jixpruna analiżi ta' konferma għall-identifikazzjoni mhux ambigwa u l-kwantifikazzjoni tal-mikotossini.

"Konformi" tfisser li l-kontenut tal-mikotossini fil-kampjun huwa < STC b'ċertezza ta' 95 % (jiġifieri hemm 5 % ċans li l-kampjuni jiġu rrappurtati b'mod inkorrett bħala negattivi). Ir-riżultat analitiku huwa rrappurtat bħala "< livell ta' STC" mal-livell ta' STC speċifikata.

▼B

4.5. **L-istandards ta' kwalità tal-laboratorju**

Il-laboratorju jrid jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali ([2]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tal-14 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati (ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8).

([2]) Ara wkoll l-arranġamenti tranżitorji pprovduti fl-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxu l-arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti 853/2004, 854/2004 u 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti (KE) 853/2004 u 854/2004 (ĠU L 338, tat-22.12.2005, p. 83).